MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2025

Appell Inferjuri Numru 44/2014 LM

**Concorde Developments Limited (C 38024)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud)**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti **Concorde Developments Limited (C 38024)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'] mis-sentenza mogħtija fit-2 ta' Lulju, 2024, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'] mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fl-ismijiet fuq premessi, li ddeċieda t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti

kontra l-intimat **id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'], kif ġej:

*"Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' in parte l-appell tas-soċjetà rikorrenti mill-istima maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodu ta' taxxa 01.01.08 sa 31.12.12, b'dana li tali stima għandha tiġi riveduta bil-mod segwenti:*

- *L-*input tax *relattiv għal xogħlijiet ta' demolizzjoni u skavar tas-siti fejn in segwitu inbena l-blokk Concorde Building, li jinkludi l-istabbiliment Giusti Siciliani, fi Triq Ġorġ Borg Olivier, Mellieħa, skont fatturi esebiti a fol. 183 u 184 tal-proċess, jiġi aċċettat mill-Kummissarju tat-Taxxa u Dwana;*
- *L-*input tax *relattiv għal xogħlijiet eżegwiti mis-soċjetà Central Asphalt Limited konsistenti* f'carting away of loose material *u* supply of building material concrete & bricks, *skont fatturi esebiti a fol. 187 u 188 tal-proċess, jiġi aċċettat mill-Kummissarju tat-Taxxa u Dwana;*
- *L-*input tax *relattiv għall-ispejjeż inkorsi fir-rigward ta' servizzi professjonali reżi lis-soċjetà Rikorrenti mill-Perit Joseph Attard, skont dokumenti a fol. 185 u 186 tal-proċess, jiġi aċċettat mill-Kummissarju tat-Taxxa u Dwana;*
- *L-*input tax *relattiv għall-provvista magħmula lis-Soċjetà Rikorrenti minn Central Asphalt skont fattura a fol. 189 tal-proċess, jiġi aċċettat mill-Kummissarju tat-Taxxa u Dwana;*
- *L-*input tax *relattiv għal xogħol ta' kostruzzjoni esegwit minn Frans Sammut kopert dan b'fatturi datati 2 ta' Jannar, 2009, 13 ta' Frar, 2009, 11 ta' April, 2009, 15 ta' Ġunju, 2009, 6 ta' Awwissu, 2009 u 17 ta' Ottubru, 2009, jiġi aċċettat mill-Kummissarju tat-Taxxa u Dwana;*
- *L-*input tax *relattiv għal servizzi prestati lis-soċjetà Rikorrenti minn Charles Scerri and Associates skont fattura datata 21 ta' Diċembru, 2012, għandu jiġi aċċettat mill-Kummissarju tat-Taxxa u Dwana –*

***B'dana però li l-*****input tax** ***li għandu jiġi aċċetat fir-rigward ta' kull provvista u/jew servizz hawn imsemmija <u>huwa dak riżultanti wara li</u> ssir l-attribuzzjoni meħtieġa mil-liġi in kwantu huma biss l-istabbilimenti Giusti Siciliani u l-appartament Nru. 2, fil-blokk Concorde Building, Triq Ġorġ Borg Olivier, Mellieħa, illi jirriżultaw li nkrew lil terzi mis-soċjetà Rikorrenti; u***

- *L-*input tax *relattiv għal xogħol esegwit minn Victoria Aluminium fil-flat numru 2 f'Concorde Building, Triq Ġorġ Borg Olivier, Mellieħa, skont fattura a fol. 196 u 197 tal-proċess, ammontanti għal €410.04, għandu jiġi aċċettat mill-Kummissarju tat-Taxxa u Dwana.*

*It-taxxa amministrattiva u l-imgħax dovut għandhom ukoll jiġu varjati in segwitu għall-aġġustamenti ordnati b'din id-deċiżjoni.*

*Fiċ-ċirkostanzi tal-każ fejn is-soċjetà Rikorrenti essenzjalment irreklamat* input tax *li fil-maġġor parti tiegħu ma kienx jispetta lilha ai termini tal-Liġi, l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jibqgħu a karigu tal-istess soċjetà Rikorrenti.*

*Ai termini tal-Partita 2(4) tad-Disa Skeda tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi notifikata lis-soċjetà Rikorrenti."*

## <u>Fatti</u>

2. Il-kwistjoni odjerna tittratta l-pretensjoni tas-soċjetà rikorrenti li titħassar stima tat-taxxa maħruġa mill-Kummissarju intimat.

## <u>Mertu</u>

3. Is-soċjetà rikorrenti rċeviet stima tat-taxxa, liema stima hija tgħid li hija infondata fil-fatt u fid-dritt. Tgħid li l-istima hija bbażata fuq il-premessa żbaljata li hija ma kellhiex dritt tiegħu tnaqqis għall-VAT inkorsa, meta fil-fatt hija dejjem aġixxiet *ai termini* tad-drittijiet komunitarji tagħha. Is-soċjetà rikorrenti tgħid li l-kwistjoni kollha tirrivolvi madwar id-deċiżjoni li ħa l-Kummissarju intimat li jiċħdilha d-dritt li taġevola ruħha minn krediti għall-*input VAT* debitament dovuti lilha. Tgħid li minkejja li hija ġiet punita b'penali amministrattiva ta' €14,782, huwa paċifiku jingħad li hija dejjem imxiet *in buona fede,* u ma jeżistux l-estremi meħtieġa sabiex jiġu imposti fuqha miżuri punittivi. Tgħid ukoll li l-kalkoli tad-Direttur intimat huma għal kollox żbaljati u bbażati fuq premessi ħżiena. Tgħid ukoll li r-rapport tat-taxxa pperikolata, il-multi amministrattivi u l-imgħax punittiv impost fuqha jippekkaw serjament f'dik li hija proporzjonalità.

4. Id-Direttur intimat jgħid li s-soċjetà rikorrenti ġiet irreġistrata *ai termini* tal-artikolu 10 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, fid-19 ta' Settembru, 2012, u din talbet li r-reġistrazzjoni tagħha tidħol fis-seħħ b'mod retroattiv jiġifieri mill-1 ta' Jannar, 2008. Il-Kummissarju intimat spjega li s-soċjetà rikorrenti hija involuta fis-settur ekonomiku tal-kiri tal-proprjetà. Jgħid li permezz ta' ittra tas-17 ta' Ottubru, 2013 huwa talab lir-rikorrenti tipprovdi l-kotba tan-negozju għall-perijodi ta' taxxa kif imsemmija fl-ittra, sabiex tkun tista' tinbeda investigazzjoni. Is-soċjetà rikorrenti rrispondiet billi infurmatu li kienet ħatret lil Jacqueline Grech bħala l-aġent tagħha sabiex tirappreżenta lill-Bord tad-Diretturi. Il-Kummissarju intimat spjega li s-soċjetà rikorrenti kienet talbet li tieħu żewġ *loans* mill-bank HSBC, u fl-20 t'Awwissu, 2010, il-bank permezz ta' *sanction letter* infurmaha li l-*loans* kienu approvati u li l-ħlas lura taż-żewġ *loans* kellu jsir permezz tal-bejgħ tal-proprjetà elenkata fis-*sanction letter.* Il-Kummissarju intimat irrefera għas-*sanction letter* in kwistjoni li tgħid illi, *"Loan 01 and 02 are to be repaid at from sale of proceeds of immovable properties developed at Ġorġ Borg Olivier Street, Mellieħa exclusive of interest, and are to clear in full by latest 31 August 2011."* Il-Kummisarju intimat spjega li fis-27 ta' Ottubru, 2011, l-istess bank ħareġ *sanction letter* oħra, din id-darba "*Special Conditions for Buy to Let Facilities",* u qal li jidher li fi żmien erbatax-il xahar l-intenzjoni tas-soċjetà rikorrenti inbidlet minn waħda li tbiegħ il-proprjetà għal waħda li tikri l-proprjetà. Qal li fil-kors tal-investigazzjoni, is-soċjetà rikorrenti ppreżentat żewġ *lease agreements,* l-ewwel wieħed kien fl-ismijiet Concorde Developments Limited li kienet qiegħda tikri l-fond Concorde Building Level 1, Office 1, Triq Ġorġ Borg Olivier, Mellieħa lil J&C Debono Company Ltd, bid-data tas-7 ta' Diċembru, 2012. It-tieni ftehim kien bejn Concorde Developments

Limted u All in One Ltd, u l-fond relatat kien Concorde Building, Flat 2, Triq Ġorġ Borg Olivier, Mellieħa, u kien datat it-3 ta' Lulju, 2013. Qal li f'din l-investigazzjoni huwa ħa kampjun ta' dokumenti li permezz tagħhom is-soċjetà rikorrenti kienet talbet rifużjoni tal-*input VAT.* Qal li huwa ħa kampjun ta' tnax-il fattura, li bejniethom kienu jammontaw għal €41,451.77, u li l-*input VAT* mitlub mis-soċjetà rikorrenti fil-perijodu ta' taxxa li kienet qiegħda ssir l-investigazzjoni dwarha kien jammonta għal €73,910.68. Spjega li l-kampjun surriferit meħud jammonta għal approssivament 60% tad-dikjarazzjoni li għamlet is-soċjetà rikorrenti fid-denunzja tat-taxxa tagħha, u qal li fir-rapport tal-investigazzjoni tiegħu huwa elenka għal liema raġuni huwa kien wasal għall-konklużjoni li €41,451.77 ma setax jaċċettahom bħala *input VAT.* Qal li kieku wieħed kellu jinsa l-kwistjoni dwar l-importanza li għandha tingħata lill-intenzjoni tar-rikorrenti, din xorta waħda talbet l-*input VAT* meta jew ma kellhiex fattura, jew inkella kellha fattura monka, u dan bi ksur ta' dak li jipprovdi l-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Qal li l-kampjun surriferit huwa biss indikazzjoni ta' dak li seta' jirriżulta fl-investigazzjoni, u li huwa ma qagħadx fuq dan il-kampjun, għaliex il-każ mhux ippernjat fuq jekk ir-rikorrenti kellhiex fatturi jew le. Qal li huwa iffoka fuq l-aktar punt importanti, jiġifieri fuq l-intenzjoni oriġinali tas-soċjetà rikorrenti, u li kien tenut kont ta' dan li huwa wasal għall-konklużjoni li ladarba s-soċjetà rikorrenti bidlet l-intenzjoni tagħha, dan il-fattur wassalha biex titlob *input VAT* żejjed. Qal li d-Direttur Ġenerali intimat ħareġ stima provviżorja fil-11 ta' Diċembru, 2013, flimkien ma' nota spjegattiva. L-istima provviżorja kienet innotifikata lis-soċjetà rikorrenti fit-18 ta' Diċembru, 2013. L-intimat qal li fl-20 ta' Diċembru tal-istess sena, is-soċjetà rikorrenti talbet li ssir *review.* Spjega li fis-6 ta' Frar, 2014 huwa kiteb lis-soċjetà rikorrenti sabiex

tressaq ir-raġunijiet għalfejn ma taqbilx mal-istejjem provviżorji u talabha tressaq il-provi sabiex tissostanzja t-teżi tagħha.

5. Il-Kummissarju intimat qal li fl-istadju tar-*review,* is-soċjetà rikorrenti ma ressqet l-ebda prova li setgħet tibdel l-isfond imsemmi, u kien għalhekk li huwa kkonferma l-istejjem provviżorji. Qal li huwa informa lir-rikorrenti bl-eżitu tar-*review* permezz ta' ittra tal-24 ta' April, 2014, u dawn l-istejjem ġew notifikati lir-rikorrenti fit-30 ta' April, 2014. Il-Kummissarju intimat qal li s-soċjetà rikorrenti m'għandha l-ebda dritt għall-*input VAT* li hija tgħid li huwa dovut lilha, u li l-artikoli 22(2) u (3) isemmu li l-kreditu għall-*input VAT* għandu jkun daqs l-*input VAT* ta' dik il-persuna li jkollu jitħallas matul dak iż-żmien li huwa attribwibbli għall-provvisti magħmula jew maħsuba li għandhom isiru minnha. Qal li l-liġi stess tesiġi li l-*input tax* tkun relatata ma' 'żmien ta' taxxa partikolari'. Il-Kummissarju intimat qal li l-artikolu 17 tal-Kap. 406 jiddefinixxi ż-żmien ta' taxxa, u jgħid li sakemm mhuwiex ipprovdut xort'oħra, dan huwa żmien ta' tliet xhur kalendarji. Jgħid li għalhekk is-soċjetà rikorrenti kellha tipprova li fil-mument li hija nkorriet it-taxxa li talbet bħala *input VAT,* hija kienet qiegħda tinkorri *input VAT* fil-kors jew fl-avvanz tal-attività ekonomika tagħha. Jgħid li mhux talli f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda ksur tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, talli l-operat tiegħu kien anki kkonfermat minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (hawn sar riferiment għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Aprilia Hotel *vs.* il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud**). L-intimat qal li l-attività ekonomika li setgħet twassal lir-rikorrenti titlob lura l-*input VAT* kienet dik relatata mal-kiri tal-proprjetà u mhux mal-iżvilupp u l-bejgħ tagħha. Jgħid ukoll li dan tant huwa minnu, li s-soċjetà rikorrenti ma rreġistratx mill-ewwel bħala persuna taxxabbli taħt l-artikolu 10 tal-Kap. 406, għaliex il-*property development* huwa meqjus

barra mill-iskop tal-VAT, u għalhekk wieħed m'għandux għalfejn ikun reġistrat mad-Dipartiment tal-VAT. Qal li l-ewwel *sanction letter* iġġib id-data tal-20 t'Awwissu, 2010, u ċioé qabel ma s-soċjetà rikorrenti talbet li tirreġistra. Qal li minn hawn jirriżulta li peress li l-intenzjoni oriġinali tas-soċjetà rikorrenti kienet li ser tkun involuta fis-settur tal-iżvilupp tal-proprjetà, din ma rreġistratx għall-VAT b'mod korrett, għaliex ma kien hemm l-ebda bżonn li tagħmel dan. Qal li r-reġistrazzjoni saret biss fid-19 ta' Settembru, 2012, u talbet li r-reġistrazzjoni ssir b'effett retroattiv għall-1 ta' Jannar, 2008. Il-Kummissarju intimat qal li mis-*sanction letter* tas-27 ta' Ottubru, 2011, għandu jirriżulta li qabel din id-data ma setax ikun hemm proprjetà għall-kiri minħabba s-*sanction letter* preċedenti. Qal li l-*lease agreements* ippreżentati mis-soċjetà rikorrenti fl-istadju tal-investigazzjoni, kienu datati s-7 ta' Diċembru, 2012 u t-3 ta' Lulju, 2013, u li għalhekk ir-rikorrenti m'għandhiex dritt titlob l-*input VAT* fuq l-operat tagħha stante l-bdil tal-intenzjoni. Jgħid li l-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta jemani mill-kamp fiskali, u għalhekk l-applikazzjoni tiegħu għandha tkun waħda restrittiva. B'riferiment għall-allegazzjoni tas-soċjetà rikorrenti li l-Kummissarju intimat qiegħed jikser id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, l-intimat qal li dan mhux minnu, u li kull ma għamel hu kien li applika l-artikolu 3(b) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, li jaqbel perfettament mal-imsemmija direttiva. Il-Kummisarju intimat qal ukoll li fil-mument li s-soċjetà rikorrenti kellha l-intenzjoni li tiżviluppa u tbiegħ il-proprjetà, din qatt ma setgħet tikkwalifika bħala *"a taxable person",* u kwindi qatt ma setgħet titlob biex tkun eliġibbli għar-rifużjoni tal-*input VAT.* Qal li l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja stess tinsisti li l-*input VAT* tista' tintalab biss fil-każ li jkun *taxable person* li jagħmel tali talba, u li dan jagħmel tali talba fil-kors tal-attività

ekonomika tiegħu. Il-Kummissarju intimat qal li l-allegazzjoni li l-istima ma nħarġitx *properly, reasonably and fairly* u hija bbażata fuq interpretazzjoni ħażina tal-liġi, hija waħda frivola u għandha titqies bħala tali, u li fil-fatt għandu jirriżulta li kienet is-soċjetà rikorrenti li ma mxietx *reasonably, fairly* u *properly* meta din talbet *input VAT* li ma kienx dovut lilha. Il-Kummissarju intimat qal li anke f'każ li l-pagatur tat-taxxa jaġixxi *in buona fede,* dan ma jipprekludix lill-pagatur tat-taxxa milli jkun suġġett għall-multi kif maħsuba bil-liġi.

## Is-Sentenza Appellata

6 . It-Tribunal, fis-sentenza tiegħu tat-2 ta' Lulju, 2024, iddeċieda li t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti għandhom jintlaqgħu b'mod parzjali, u ordna xi aġġustamenti, wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Ikkonsidra***

*Permezz ta' stima maħruġa mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti għall-perijodu ta' taxxa 01.01.08 sa 31.12.12, id-Direttur Ġenerali jesiġi ħlas mingħand l-imsemmija soċjetà tas-somma ta' €73,910.68 rappreżentanti taxxa, flimkien ma' l-ammonti ulterjuri ta' €14,782.14 rappreżentanti taxxa amministrattiva u €253.30 rappreżentanti imgħax, komplessivament ammontanti għal **€88,946.12.** (fn. 11: fol. 6 tal-proċess) Is-soċjetà rikorrenti ħassitha aggravata b'din l-istima maħruġa fil-konfront tagħha u interponiet dan l-appell minnha fejn titlob li t-Tribunal iħassar u jirrevoka l-istima in kwistjoni, inkluż is-sorte, l-imgħax u t-taxxa addizzjonali.*

*Is-soċjetà rikorrenti tibbaża dan l-appell tagħha fuq is-segwenti aggravji: (i) l-istima in kwistjoni ma nħarġitx* properly, reasonably *u* fairly *u hija bbażata fuq interpretazzjoni ħażina tal-liġi; (ii) l-istima hija bbażata fuq il-premessa ħażina li hija ma kellhiex id-dritt tieħu tnaqqis għal VAT inkors meta fil-fatt hija dejjem aġixxiet ai termini tad-drittijiet komunitarji tagħha; (iii) il-kwistjoni kollha tirrivolvi madwar id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) li jċaħħadha mid-dritt li taġevola ruħha minn krediti għal* input tax *debitament dovuti lilha; (iv) bid-deċiżjoni tiegħu, id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) qed jikser id-Direttiva Council Directive 2006/112/EC, hekk kif imfissra fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea Rompelman,*

*Lennartz, Intercommunale voor Zeewaterontzilting (INZO) (Case C-110/94) u SC Gran Via Moineşti SRL v. Agenţia Naţională de Administrare Fiscală (ANAF), Administraţia Finanţelor Publice Bucureşti Sector 1; (v) għalkemm hija qed tiġi punita b'penali amministrattiv ta' €14,782, hija dejjem aġixxiet* in buona fede *u ma jeżistux l-estremi in bażi għal liema għandha tbati xi miżuri punittivi; (vi) il-kalkoli tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) huma għal kollox żbaljati u bażati fuq premessi ħżiena; (vii) ir-rapport taxxa pperikolata/multi amministrattivi U imgħax punittiv jippekkaw serjament f'dak illi hija proporzjonalità.*

*Id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), illum Kummissarju tat-Taxxa u Dwana, jopponi għall-appell tas-soċjetà Rikorrenti mill-istima maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodu ta' taxxa 01.01.08 sa 31.12.12 u jitlob li l-istess jiġi miċħud u minflok tiġi kkonfermata l-imsemmija stima u dana stante li: (i) a bażi ta' dak provdut fir-Regolament 3(b) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 406.12, li huwa marbut mal-provvedimenti tal-Artikolu 22(2)(3) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, is-soċjetà Rikorrenti ma hija intitolata għal ebda kreditu għal* input tax*; (ii) l-*input tax *trid tkun relatata ma' żmien ta' taxxa partikolari li, ai termini tal-Artikolu 17 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa, sakemm mhux provdut xort'oħra, żmien ta' tliet xhur kalendarji li jibda fl-ewwel jum li jiġi minnufih wara t-tmiem taż-żmien ta' taxxa li jkun ġie qabel. B'hekk is-soċjetà Rikorrenti kellha tipprova li fil-mument li hija nkorriet it-taxxa li talbet bħala* input tax*, hija kienet qiegħda tinkorri tali taxxa fil-kors jew avvanz tal-attività ekonomika tagħha; (iii) huwa ma kisirx id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/EC, anzi l-aġir tiegħu jinsab ikkonfermat f'dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet "Aprilia Hotel v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud", Appell Nru. 2/2011, deċiża fis-27 ta' Ottubru 2011; (iv) l-attività ekonomika tas-soċjetà Rikorrenti setgħet twassal biex hija titlob lura* input tax *relatata mal-kiri tal-proprjetà u mhux mal-iżvilupp u l-bejgħ tal-proprjetà; (v) is-soċjetà Rikorrenti ma rreġistratx mill-ewwel bħala persuna taxxabbli taħt l-Artikolu 10 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta u dana billi* property development *hu meqjus li huwa* outside of scope of VAT *u b'hekk wieħed ma għandux għalfejn ikun reġistrat għad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Intalbet reġistrazzjoni b'effett retroattiv għall-1 ta' Jannar 2008 biss fid-19 ta' Settembru 2012 meta kien hemm bdil fl-intenzjoni tas-soċjetà Rikorrenti, liema bdil fl-intenzjoni però ma jagħtihiex dritt titlob kreditu għall-*input tax*; (vi) l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud huwa liġi fiskali u bħala tali ta' interpretazzjoni restrittiva u ma għandu jingħata ebda lok li jkunu mċaqalqa l-*goalposts *a favur ta' xi waħda mill-partijiet, inkluż is-soċjetà Rikorrenti; (vii) il-Qorti Ewropea stabbiliet il-parametri li bihom* taxpayer *jista' jitlob lura l-*input tax*. Dan jista' jsir sakemm dik il-persuna tkun* "a taxable person" *u l-ispejjeż involuti jkunu inkorsi fl-attività ekonomika tagħha qua* taxable person. *Fil-każ in eżami huwa mexa skonT dawn il-prinċipji u għalhekk ma huwiex minnu li l-istima in kwistjoni ma nħarġitx* properly, reasonably *u* fairly*; (viii) in kwantu rigwarda l-multi imposti fuq is-soċjetà Rikorrenti,* dato ma non concesso *li l-imsemmija soċjetà setgħet aġixxiet* in buona fede*, dana l-fatt xorta waħda ma jipprekludihiex milli tkun soġġetta għall-multi kif maħsub fil-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Mill*-Credit Control Report *esebit bħala Dok. "G" a fol. 43 sa 45 tal-proċess, tirriżulta l-bażi fuq liema d-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) ħareġ l-istima mertu ta' dawn il-proċeduri fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti. Fih infatti jingħad is-segwenti:*

**Economic Activity:** Concorde Developments Limited, acquired and demolished and constructed a building with the intention to sell the property to third parties. … After deciding to rent the property, in 2008 a VAT registration was submitted under Article 10, with the business activity being rental of property. The present registration is included under nace code 6820 - rental and operation of own or leased real estate. **Conduct of Exercise:** File was referred to carry out a credit control exercise for tax period: 01/01/2008 - 31/12/2012. The credit control exercise was authorised through minute 4. The above-mentioned tax period is being examined to confirm and check the exact nature of the economic activity, verify the input tax claimed and to compare the profit and loss accounts with revenue declared in the vat returns. An exit meeting was held with Ms. Jackie Grech (representing the company ….) at Vat Department on 10th December 2013 to discuss the nature of the business activity. **Sales Analysis:** Concorde Development Limited has not declared any sales as to date, and Mrs. Grech informed us that the income from rent will be entered accordingly in future vat returns. According to Mr. Jeremy Debono (director of the company) … it is being stated that the payment for the first lease will be carried out and declared in December 2013. Copy of the lease contracts have been included at appendix 2-2b. The lease will be between two limited companies at the rate of 18% and at 7% for the remaining 4 apartments, covered by the MTA license. The commercial lease falls under the regulations of the Vat Act, Fifth Schedule, Part 2, Item 1, Part 1, while the lease for accommodation of tenants will be in line with Vat Act, Eight Schedule. **Purchases Analysis:** Intra community acquisitions and supplies - No intra community acquisitions were declared in Box 3 of the Vat returns. This was also confirmed in the VIES data. Purchases for re-sale - The ledger for the tax periods under examination has been enclosed at 01/01/2008 - 31.12.2012 appendix 3 57% examined. Following the examination of the tax invoice sample, the following irregularities were identified:

| | *Date* | *Inv Ref* | *Description* | *VAT Amount* | *Remarks* |
|---|---|---|---|---|---|
| *1* | *2/7/2008* | *80703* | *Express Excavation & Demolition Works* | *3,647.70* | *Invoice on the name of Mr Jeremy Debono – VAT Act, Twelfth Schedule, Item 2* |
| *2* | *14/7/2008* | *173-06A Bill 1* | *Perit Joseph Attard* | *931.89* | *No mention of invoice on document – Vat* |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | *Act, Twelfth Schedule, Item 2* |
| *3* | *29/9/2008* | *Inv 0290* | *Exalta* | *78.30* | *Invoice on the name of Mr Jeremy Debono – VAT Act, Twelfth Schedule, Item 2* |
| *4* | *30/3/2009* | *173-06A B1* | *Perit Joseph Attard* | *1,206.54* | *Request for payment not tax inovice – Vat Act, Tenth Schedule, Item 2(2)(a)(i)* |
| *5* | *28/1/2008* | *173-06 Bill 1* | *Perit Joseph Attard* | *72.0* | *Request for payment not tax invoice – Vat Act, Tenth Schedule Item 2(2)(a)(i)* |
| *6* | *9/2/2009* | *173-06BZ 1* | *Perit Joseph Attard* | *129.60* | *Certificate for payment not tax invoice – Vat Act, Tenth Schedule Item 2(2)(a)(i)* |
| *7* | *6/2/2009* | *173-06BB 1* | *Perit Joseph Attard* | *1,309.21* | *Certificate for payment not tax invoice – Vat Act, Tenth Schedule Item 2(2)(a)(i)* |
| *8* | *10/4/2009* | *173-06BB 2* | *Perit Joseph Attard* | *1,127.52* | *Certificate for payment not tax invoice – Vat Act, Tenth Schedule Item 2(2)(a)(i)* |
| *9* | *3/7/2009* | *173-06BB 3* | *Perit Joseph Attard* | *1,602.14* | *Certificate for payment not tax invoice –* |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | *Vat Act, Tenth Schedule Item 2(2)(a)(i)* |
| *10* | *8/6/2010* | *41* | *Joseph Borg* | *2,388.51* | *Invoice on Debono Flats – Vat Act, TwelfthSchedule, Item 2* |
| *11* | *7/1/2010* | *257* | *Rupert, Silvio, Christopher Fenech* | *388.62* | *Fiscal receipt not tax invoice – Vat Act, Tenth Schedule, Item 2(2)(a)(i)* |
| *12* | *30/6/2011* | *2010-13* | *Camray* | *28,569.74* | *Interim Payment application not tax invoice – Vat Act, Tenth Schedule, Item 2(2)(a)(i)* |

Claim of vat with reference to "change of intention" - Ms. Grech stated that on the basis of the late registration by Concorde Developments Limited, the input tax claimed should have been released as credit payment to the company. Meanwhile, the Department considers that an operation which falls outside the scope of VAT cannot be claimed at a later stage on the premise of a "a change in intention". It is contended that input VAT attributable to a particular taxable supply is to be claimed in the relative period where the input tax is actually being incurred. For such purpose, all the input tax claimed in the tax period under consideration will be deducted. **Conclusion**: In view of the above, it can be concluded that although a considerable amount of input tax was claimed on the development expenses, the original intention of Concorde Developments was not that of leasing but sale of property. Therefore, provisional assessment amounting to €73,910.68 is being recommended. Meanwhile, Ms. Grech was also advised that the company should also declare vat on the lease amount at the rate of 18% in line with Vat Act, Fifth Schedule, Item 1, Part 1(d).

*Mill-*Credit Control Report *joħroġ ċar illi l-*input tax *kollha reklamata mis-soċjetà Rikorrenti għall-perijodu ta' taxxa 01.01.08 sa 31.12.12 ġiet rifjutata mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) a bażi tal-fatt li l-intenzjoni oriġinali tas-soċjetà kienet li tiġġestixxi operat ta' bejgħ ta' proprjetà, ossia ta' blokk ta' appartamenti bl-isem Concorde Building, Triq Ġorġ Borg Olivier, Mellieħa, liema operat ma huwiex suġġett għat-taxxa fuq il-valur miżjud, u li l-bdil fl-intenzjoni tagħha, ossia li flok bejgħ ta' proprjetà tmexxi attività ekonomika ta' kiri ta' proprjetà, attività din suġġetta*

*għat-taxxa fuq il-valur miżjud, ma jagħtihiex dritt titlob l-*input tax *minnha inkorsa fl-iżvilupp tal-proprjetà in kwistjoni.*

*Għalkemm dan il-fattur jifforma wkoll il-bażi fuq liema d-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) jopponi għall-appell tas-soċjetà Rikorrenti mill-istima maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodu ta' taxxa 01.01.08 sa 31.12.12, mir-Risposta tal-istess Direttur Ġenerali u min-Nota Responsiva tiegħu, jirriżulta li huwa qed iqajjam kwistjoni oħra in bażi għal liema jqis li l-appell tas-soċjetà Rikorrenti ma għandux jiġi milqugħ u minflok l-istima in kwistjoni tiġi kkonfermata, u cioè li tul il-perijodu ta' taxxa in kwistjoni s-soċjetà Rikorrenti ma kenitx* a taxable person *għall-finijiet u effetti tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk fi kwalunkwe każ ma kenitx taqa' taħt ir-*regime *tat-taxxa fuq il-valur miżjud u ma setgħetx tul dak il-perijodu tibbenefika mill-provvedimenti tal-istess Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*It-Tribunal ser jibda billi jittratta dan l-aħħar element fuq liema d-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), illum Kummissarju tat-Taxxa u Dwana, qed jopponi għall-appell tas-soċjetà Rikorrenti mill-istima maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodu ta' taxxa 01.01.08 sa 31.12.12.*

*Mill-atti proċesswali ħareġ b'mod ċar li s-soċjetà Rikorrenti akkwistat is-sit fuq liema inbena l-blokk Concorde Building ġewwa l-Mellieħa fl-2004 (fn. 12: Ittra mingħand Jeremy Debono, Direttur tas-soċjetà rikorrenti, lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud datata 13 ta' Novembru, 2013, Red 11 fil-file tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud dwar il-vertenza odjerna esebit bħala Dok. "R" minn Roderick Zammit Randich waqt is-seduta tat-28 ta' Frar, 2019) u x-xogħol ta' żvilupp u* finishing *sar fuq medda ta' snin u tlesta fl-2012. (fn. 13: Dok. "Z1" a fol. 126 tal-proċess) Kien biss fid-19 ta' Settembru 2012 li s-soċjetà Rikorrenti applikat għar-reġistrazzjoni mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud taħt l-Artikolu 10 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta. (fn. 14: dok. "A" a fol. 20 tal-proċess) L-applikazzjoni tas-soċjetà Rikorrenti però kienet kwalifikata b'mod ferm importanti u rilevanti għall-proċeduri odjerni, u cioè hija ndikat il-bidu tal-attività ekonomika bħala l-1 ta' Jannar 2008. B'hekk ir-reġistrazzjoni skont kif applikat is-soċjetà Rikorrenti kellha tibda tgħodd b'mod retroattiv. L-applikazzjoni tas-soċjetà Rikorrenti ġiet aċċettata u fil-fatt hija ġiet reġistrata mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud bin-Numru tal-VAT MT20956935 b'effett mill-**1 ta' Jannar 2008**, kif evidenzjat miċ-Ċertifikat esebit bħala Dok. "JD1" a fol. 78 tal-proċess. Jirriżulta għalhekk li għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi, is-soċjetà Rikorrenti kellha u għandha titqies bħala* a taxable person *b'effett mill-1 ta' Jannar 2008 'l quddiem.*

*Tant id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud aċċetta r-reġistrazzjoni tas-soċjetà Rikorrenti bħala* taxable person *ai termini tal-Liġi b'effett mill-1 ta' Jannar 2008, illi impona fuq l-istess soċjetà s-sanzjonijiet kollha previsti mil-Liġi għal* late registration *(fn. 15: xhieda mogħtija minn Roderick Zammit Randich, in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi, waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru, 2018 fol. 109 sa 113 tal-proċess) u, addirittura, fil-*Credit Control Report *ingħad li in 2008* a vat registration was submitted under Article 10 *(fn. 16: dok. "G" a fol. 43 tal-proċess). Ladarba d-*

*Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud aċċetta l-istatus tas-soċjetà Rikorrenti bħala* taxable person *b'effett mill-1 ta' Jannar 2008, tant illi dan il-punt lanqas kien fattur fil-konsiderazzjonijiet li saru fl-istadju tal-*Credit Control *u li wasslu għar-rifjut tal-*input tax *reklamata mis-soċjetà Rikorrenti għall-perijodu ta' taxxa 01.01.08 sa 31.12.12, id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), illum Kummissarju tat-Taxxa u Dwana, ma jistax issa jippretendi li jopponi għall-appell tas-soċjetà Rikorrenti a bażi tal-allegazzjoni li fiż-żmien kopert mill-istima in kwistjoni hija ma kenitx* a taxable person *ai termini tal-Liġi. Il-Kummissarju ma jistax jippretendi li fejn jaqbel lilu s-soċjetà Rikorrenti kellha u għandha titqies bħala* taxable person *iżda fejn ma jaqbillux ma għandhiex u ma tikkwalifikax għal tali status.*

*Fil-fehma tat-Tribunal una volta li r-reġistrazzjoni tas-soċjetà Rikorrenti mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ġiet aċċettata bħala li tibda b'effett mill-1 ta' Jannar 2008, l-istess soċjetà Rikorrenti għandha titqies bħala* taxable person *b'effett minn dik id-data 'l quddiem.*

*Trattat dan il-punt it-Tribunal ser jgħaddi biex jittratta l-kwistjoni tal-bidla fl-intenzjoni tas-soċjetà Rikorrenti li tifforma l-bażi fuq liema l-*input tax *reklamata minnha għall-perijodu ta' taxxa 01.01.08 sa 31.12.12 ma ġietx aċċettata mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u b'hekk inħarġet l-istima mertu ta' dawn il-proċeduri.*
*Mill-provi prodotti jirriżulta li oriġinarjament is-soċjetà Rikorrenti kienet akkwistat is-sit fuq liema nbena l-blokk Concorde Building ġewwa l-Mellieħa mertu ta' dawn il-proċeduri, bl-iskop li l-units formanti l-istess blokk jiġu mibjugħa. Dan qalu b'mod ċar ħafna Jeremy Debono, kemm lid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) fl-ittra tiegħu datata 13 ta' Novembru 2013 (fn. 17: fol. 24 tal-proċess), fejn appuntu ppremetta li* the site where the property in question has been erected, was purchased in 2004 with the aim of demolishing the then existing building, erecting the existing structure and dispose of it by way of sale to third parties, *kif ukoll quddiem dan it-Tribunal fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-22 ta' Mejju 2018 (fn. 18: fol. 79 sa 82 tal-proċess), fejn iddikjara li* ċ-ċirkostanzi kienu sempliċi illi fil-bidu konna bi ħsiebna inbiegħuhom. Din hija kumpanija li hija binja fejn hemm żewġ commercial premises, 4 flats u penthouse u basement ovvjament. Inizjalment aħna kellna l-ħsieb illi niddisponu mill-proprjetà kollha jiġifieri u filfatt hemm anke fl-atti aħna konna ħadna faċilitajiet mill-bank illi kienu għal property development loan. *B'referenza għas-self imsemmi minn Jeremy Debono, fl-atti hemm esebita s-*sanction letter *relattiva datata 20 ta' Awwissu 2010 - Dok. "D" a fol. 25 sa 29 tal-proċess. Minn din is-*sanction letter *jirriżulta ċar li sa dak iż-żmien l-intenzjoni tas-soċjetà Rikorrenti kienet illi tbiegħ il-proprjetà in kwistjoni tant illi l-iskop tas-self ġie ndikat bħala* the facilities are being granted to assist you as follows: Loan 01 Originally to construct and finish property at Ġorġ Borg Olivier Street, Mellieħa … *u s-self kellu jitħallas mir-rikavat* from the sale of each car space, from the sale of storage, from the sale of each commercial unit, from the sale of each unit; from the sale of the penthouse.

*Is-soċjetà Rikorrenti tikkontendi però li hekk kif ġie kompletat l-iżvilupp tal-proprjetà in kwistjoni biddlet l-intenzjoni tagħha dwar x'kienet ser tagħmel bl-iżvilupp u ddeċidiet li minflok tbiegħ l-istess proprjetà, jew aħjar il-varji units formanti l-istess, tgħaddi biex tikrihom. Fid-dawl ta' tali bidla fl-intenzjoni tagħha, is-soċjetà Rikorrenti tikkontendi li anke għamlet arranġamenti mal-Bank fir-rigward tas-self oriġinarjament minnha ottenut u minn self marbut mal-bejgħ tal-proprjetà ġie, skontha, konvertit f'*Buy to Let Facilities.

*Fir-rigward, fl-ittra lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud datata 13 ta' Novembru 2013 (fn. 19: fol. 24 tal-proċess), Jeremy Debono għarraf lill-imsemmi Kummissarju illi* following the completion of the building, it was decided to utilise the whole block for business purposes namely by way of rental. Consequently, the financing originally obtained from HSBC for as a property development loan was converted to a Buy to Let Loan as per the attached sanction letter dated 27 October 2011. However, the deed with HSBC was published on the 29 January 2013. The commercial premises, basement and the penthouse have been rented out to a local company and the first rental payment is expected to be effected in December of this year. As for the remaining 4 apartments, an application has been lodged with the MTA order that these are operated on short let basis. *Fix-xhieda li ta quddiem it-Tribunal waqt is-seduta tat-22 ta' Mejju 2018 (fn. 20: fol. 79 sa 82 tal-proċess), Jeremy Debono tenna li* sussegwentement iddeċidejna li nużawhom għal skopijiet kummerċjali cioè li nikruhom u b'hekk għamilna l-applikazzjoni biex napplikaw u nirreġistraw għall-vat retrospettivament. *A bażi ta' tali bidla fl-intenzjoni li s-soċjetà Rikorrenti tikkontendi li fir-rigward tal-blokk bl-isem Concorde Building, Triq Ġorġ Borg Olivier, Mellieħa, hija kellha d-dritt tirreklama l-*input tax *kollha relattiva għall-iżvilupp intier tal-blokk in kwistjoni, komplessivament ammontanti għal €73,910.68.*

*It-Tribunal eżamina bir-reqqa l-provi dokumentarji prodotti mis-soċjetà Rikorrenti in sostenn tal-affermazzjoni tagħha li malli tlesta l-iżvilupp tal-blokk Concorde Building, Triq Ġorġ Borg Olivier, Mellieħa, hija biddlet l-intenzjoni oriġinali tagħha li tbiegħ il-units formanti dan il-blokk u minflok iddeċidiet li tikri l-istess, u frankament ma huwiex affattu konvint li kien hemm din il-bidla fl-intenzjoni kif allegat mis-soċjetà Rikorrenti, tal-inqas fir-rigward tal-maġġor parti tal-blokk in kwistjoni.*

*Jibda biex jiġi osservat li s-*sanction letter *datata 27 ta' Ottubru 2011 (fn. 21: Dok. "E" a fol. 30 tal-proċess) relattiva għal* Buy to Let facilities, *sottomessa mis-soċjetà Rikorrenti lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud bħala prova tal-bidla fl-intenzjoni oriġinali tagħha, ma hijiex kompluta iżda ġiet provduta biss l-ewwel faċċata tagħha. Tul il-kors ta' dawn il-proċeduri, is-soċjetà Rikorrenti ma ndenjatx ruħha tipprovdi kopja integra ta' tali* sanction letter *iżda straħet biss fuq dak minnha sottomess lid-Dipartiment. Minn din l-ewwel faċċata tas-*sanction letter *ma tirriżulta l-ebda referenza, jew imqar menzjoni, għas-soċjetà Rikorrenti u/jew għall-blokka bl-isem Concorde Building, Triq Ġorġ Borg Olivier, Mellieħa. In fatti l-ittra nħarġet lil u tagħmel referenza biss għal Dr. Jeremy & Ms. Nydian Debono. Fid-dawl ta' dawn il-fatti jew aħjar nuqqasijiet, u fid-dawl tal-fatt ukoll li Nydian Debono ma jirriżultax li*

*għandha xi konnessjoni mas-soċjetà Rikorrenti (fn. 22: Vide estratt mill-*website *tal-Malta Business Registry, Red 8 fid-dokument markat Dok. "R"), it-Tribunal diffiċilment jista' jasal biex jabbina din il-faċċata minn* sanction letter *datata 27 ta' Ottubru 2011, u b'hekk il-faċilità hemm konċessa, għall-proprjetà tas-soċjetà Rikorrenti mertu ta' dawn il-proċeduri.*

*Għalkemm Jeremy Debono stqarr taħt ġurament li l-blokk in kwistjoni, konsistenti skontu f'żewġ* commercial premises*, erba' flats,* penthouse *u* basement*, kien intiż kollu għall-kiri u fl-ittra lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud datata 13 ta' Novembru 2013 (fn. 23: fol. 24 tal-proċess), afferma li* the commercial premises, basement and the penthouse have been rented out to a local company and the first rental payment is expected to be effected in December of this year. As for the remaining 4 apartments, an application has been lodged with the MTA order that these are operated on short let basis, *dan kollu ma ġiex sodisfaċentement ippruvat mis-soċjetà Rikorrenti.*

*L-uniċi żewġ kuntratti ta' lokazzjoni sottomessi mis-soċjetà Rikorrenti lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u li fuqhom tidher tistrieħ f'dawn il-proċeduri huma: wieħed datat 3 ta' Lulju 2013 (fn. 24: dok. "F" a fol. 31 sa 38 tal-proċess) bejn is-soċjetà Rikorrenti u s-soċjetà All In One Limited, rappreżentata fuq il-ftehim minn ċertu Geoffrey Callus, detentur tal-Karta tal-Identità bin-Numru 487671M (għalkemm fl-aħħar faċċata tal-ftehim taħt il-firma tal-inkwilin hemm imniżżla Karta tal-Identità Taljana bin-Numru AK1536936), fir-rigward ta'* ***Flat no. 2, Concorde Building, Triq Ġorġ Borg Olivier, Mellieħa****, verso l-kera pattwita dak iż-żmien ta' €420 fix-xahar, għall-perijodu ta' ħdax-il xahar dekorribbli mit-30 ta' Ġunju 2013 u għal skopijiet purament u esklussivament residenzjali; u l-ieħor datat 7 ta' Diċembru 2012 (fn. 25: Dok. "F1" a fol. 39 sa 42 tal-proċess) bejn is-soċjetà Rikorrenti u s-soċjetà J&C Debono Company Limited, fir-rigward tal-fond* ***Gusti Siciliani, Triq Ġorġ Borg Olivier, Mellieħa****, verso l-kera pattwita ta' €2,300 fix-xahar, għall-perijodu ta' għaxar snin dekoribbli mis-7 ta' Diċembru, 2012 u għall-iskop li jintuża esklussivament bħala* cafeteria and convenience store. *Kwindi altru milli l-blokk kollu ġie jew kien intiż li jiġi mikri u li* the commercial premises, basement and the penthouse have been rented out to a local company. *Apparti minn hekk, is-soċjetà Rikorrenti ma ppreżentat l-ebda permess maħruġ minn, jew imqar applikazzjoni għal permess mal-MTA fir-rigward tar-rimanenti units fil-blokk in kwistjoni.*

*Fid-dawl ta' dawn il-provi hekk skarni u assolutament mhux sodisfaċenti, it-Tribunal bl-ebda mod ma jista' jasal għall-konklużjoni li s-soċjetà Rikorrenti, kuntrarjament għall-intenzjoni oriġinali tagħha, iddeċidiet li tikri l-units* ***kollha*** *formanti l-blokk bl-isem Concorde Building, Triq Ġorġ Borg Olivier, Mellieħa. L-unika konklużjoni li jista' jasal għaliha hi li mill-blokk msemmi s-soċjetà Rikorrenti kriet* <u>**biss**</u> *il-Flat no. 2 għall-perijodu ta' ħdax-il xahar mhux prorogabbli u l-fond kummerċjali bl-isem Gusti Siciliani għall-perijodu ta' għaxar snin. Fattur ieħor li serjament joħloq dubji f'moħħ it-Tribunal dwar kemm verament kien hemm tali bidla* ***totali*** *fl-intenzjoni tas-soċjetà Rikorrenti hu l-fatt li għalkemm l-imsemmija soċjetà bdiet tressaq il-provi tagħha fl-*

*2018, ossia bejn sitt snin wara li applikat biex tirreġistra mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud għall-attività ta'* property rental, *hija ma ressqet l-ebda prova oħra dwar kiri tal-units tal-blokk Concorde Building, Triq Ġorġ Borg Olivier, Mellieħa, iżda għal raġunijiet li taf hi biss straħet esklussivament fuq iż-żewġ kuntratti ta' Diċembru 2012 u Lulju 2013 sottomessi lid-Dipartiment fil-kors tal-*Credit Control. *Dan in-nuqqas huwa ferm stramb jekk verament is-soċjetà Rikorrenti kellha l-intenzjoni li tikri l-units kollha fil-blokk Concorde Building, Triq Ġorġ Borg Olivier, Mellieħa.*

*Mill-provi prodotti għalhekk jirriżulta li s-soċjetà Rikorrenti kellha bidla fl-intenzjoni oriġinali tagħha* ***biss*** *fir-rigward ta'* ***żewġ units mill-blokk kollu****, ossia fir-rigward ta' Flat 2 u fir-rigward tal-fond kummerċjali Gusti Siciliani. B'hekk għad illi kien hemm bidla fl-intenzjoni tagħha, din kienet waħda limitata ħafna u mhux mifruxa fuq il-blokk kollu, punt dan li naturalment jeffettwa kemm tista' tirreklama* input tax *jekk tali dritt effettivament jikkompeti lilha.*

*In kwantu rigwarda l-kwistjoni jekk bidla fl-intenzjoni oriġinali tat-*taxpayer *tistax twassal biex dak it-*taxpayer *jibbenefika mill-kreditu għal* input tax *relattiv, issir referenza għal dak osservat mill-Qorti Ewropea f'diversi deċiżjonijiet pronunċjati minnha, li kollha huma marbuta mal-prinċipju ċentrali li* VAT should be neutral in the sense that, generally speaking, an operator should be relieved entirely of the burden of VAT in the course of its economic activities (the right to deduct).

*Issir referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet* **Gmina Miedzyzdroje v. Minister Finansów C500/13** *mogħti fil-5 ta' Ġunju 2014, fejn il-Qorti ntalbet tagħti deċiżjoni preliminari dwar is-segwenti:* Must Articles 167, 187 and 189 of [Directive 2006/112] *– riflessi dawn fis-sistema legali nostrali fir-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Aġġustamenti li għandhom X'jaqsmu ma' Oġġetti Kapitali), Leġislazzjoni Sussidjarja 406.12* - and the principle of tax neutrality be interpreted as permitting provisions of national law such as [those at issue in the main proceedings], which provide that, in the event of a change in the purpose of capital goods from use in activities not conferring entitlement to deduct input [VAT] to use in activities which do confer such entitlement, the adjustment of deductions may not be effected on a one-off basis but must be spread over the subsequent five years, and, in the case of immovable property, over ten years *[fil-każ nostrali għoxrin sena],* following the year in which the capital goods were surrendered for use?

*Id-deċiżjoni mogħtija minn dik il-Qorti tgħid hekk:* 19. First, it should be recalled that, according to the structure of the system introduced by Directive 2006/112, input taxes on goods or services used by a taxable person for his taxable transactions may be deducted. The deduction of input taxes is linked to the collection of output taxes. Where goods or services acquired by a taxable person are used for purposes of transactions that are exempt or do not fall within the scope of VAT, no output tax can be collected or input tax deducted. However, where goods or services are used for the purposes of transactions that are taxable as outputs, deduction of the input tax on them is required in order to avoid double taxation (see, to that effect, judgment in Uudenkaupungin kaupunki, C-184/04, EU:C:2006:214, paragraph 24). 20. The

period laid down in Article 187 of Directive 2006/112 for adjustment of deductions enables inaccuracies to be avoided in the calculation of deductions and unjustified advantages or disadvantages for a taxable person where, in particular, changes occur in the factors initially taken into consideration in order to determine the amount of deductions after the declaration has been made. The likelihood of such changes is particularly significant in the case of capital goods, which are often used over a number of years, during which the purposes to which they are put may alter (see, to that effect, judgment in Uudenkaupungin kaupunki, EU:C:2006:214, paragraph 25). 21. Article 187(1) of Directive 2006/112 thus provides for an adjustment period of five years, extendable to 20 years in the case of immovable property, with varying deductions staggered over the whole period. That provision also permits Member States to base the adjustment on a total period starting from the time at which the goods are first used. 22. Article 187(2) of the directive provides that, if the adjustment period has been extended beyond five years, adjustment shall only be made for the corresponding fraction of the VAT charged on the capital goods. The same provision also states that the adjustment shall be made on the basis of the variations in the deduction entitlement in subsequent years in relation to that for the year in which the goods were acquired, manufactured or, where applicable, used for the first time. 23. Article 187 of Directive 2006/112 is applicable in cases of adjustment of deductions, such as the case in the main proceedings, where goods the use of which is not eligible for deduction are then put to a use which is eligible (see, to that effect, judgment in Uudenkaupungin kaupunki, EU:C:2006:214, paragraph 30). 24. The system of adjustment of deductions is an essential element of the system introduced by Directive 2006/112 in that its purpose is to ensure the accuracy of deductions and hence the neutrality of the tax burden. Article 187 of the same directive, concerning capital goods, which are relevant to the case in the main proceedings, is moreover drafted in terms which leave no doubt as to its binding nature (see, to that effect, judgment in Uudenkaupungin kaupunki, EU:C:2006:214, paragraph 26). 25. In this instance, the national legislation applicable to the case in the main proceedings provides for an adjustment period of 10 years in the case of immovable property acquired as capital goods, starting from the time at which the goods are first used. Under that legislation, the annual adjustment that can be made for such goods is one tenth of the amount of tax calculated on their acquisition or manufacture. 26. It should be noted that the rules established by that national legislation clearly constitute an adequate transposition of the provisions of Article 187 of Directive 2006/112, referred to in paragraphs 21 and 22 of this order, and cannot therefore be criticised in relation to those provisions. 27. However, Article 187 is clearly binding in nature, as reiterated in paragraph 24 of this order, and so would preclude a system permitting the adjustment of deductions over a period of less than five years and therefore also preclude a system of one-off adjustment, such as the one invoked by Gmina Międzyzdroje, which would allow for the adjustment to be made during a single tax year. 28. Neither can the national legislation applicable to the case in the main proceedings be criticised in relation to the principle of neutrality, in that it provides for an adjustment period of 10 years in the case of immovable property

acquired as capital goods, starting from the time at which the goods are first used. 29. As has been pointed out in paragraphs 20 and 24 of this order, the requirement for an adjustment period of at least five years for capital goods constitutes an essential element of the system of adjustment introduced by Directive 2006/112, in that it enables inaccuracies to be avoided in the calculation of deductions and unjustified advantages or disadvantages for a taxable person and thus seeks to ensure the neutrality of the tax burden. 30. In the light of all the foregoing considerations, the answer to the question referred is that Articles 167, 187 and 189 of Directive 2006/112, together with the principle of neutrality, must be interpreted as not precluding provisions of national law, such as those at issue in the main proceedings, which, in a case where there is a change in the purpose of immovable property acquired as capital goods from an initial use in activities not conferring entitlement to deduct VAT to a subsequent use in activities which do confer such entitlement, provide for an adjustment period of 10 years starting from the time at which the goods are first used and, therefore, do not permit a one-off adjustment during a single tax year.

*Fid-decizjoni fl-ismijiet* ***Uudenkaupungin Kaupunki C-184/04*** *mogħtija mill-Qorti Ewropea fit-30 ta' Marzu 2006, il-Qorti tat deċiżjoni preliminari fir-rigward tas-segwenti erba' mistoqsijiet: (1)* Is Article 20 of [the Sixth Directive] – *il-predeċessur għall-attwali Artikolu 187 tad-Direttiva 2006/112* – to be interpreted as meaning that the adjustment of deductions in accordance with that article is mandatory for Member States in the case of capital goods unless it follows otherwise from Article 20(5)? (2) Is Article 20 of the [Sixth] Directive to be interpreted as meaning that the adjustment of deductions in accordance with that article is applicable even where the capital goods, in this case immovable property, were first used in non-taxable activity, in which case an initial deduction could not have been made at all, and only later in taxable activity during the adjustment period? (3) May the second subparagraph of Article 13(C) of the [Sixth] Directive be interpreted as meaning that a Member State may restrict the right to deduct for acquisitions relating to immovable property investments in the manner laid down in the Finnish Arvonlisäverolaki, where the right to deduct is excluded altogether in situations such as the present one? (4) May the second subparagraph of Article 17(6) of the [Sixth] Directive be interpreted as meaning that a Member State may restrict the right to deduct for acquisitions relating to immovable property investments in the manner laid down in the Finnish Arvonlisäverolaki, where the right to deduct is excluded altogether in situations such as the present one?

*Fir-rigward ta' tieni domanda posta, pertinenti għall-proċeduri odjerni, il-Qorti Ewropea ddeċidiet hekk:* 36. The second question seeks to determine whether the fact that the relevant activity was originally non-taxable and deductions were therefore totally excluded has any impact on that adjustment. 37. As the Advocate General observed in points 36 and 37 of her Opinion, application of the adjustment mechanism depends on the existence of a right to deduct based on Article 17 of the Sixth Directive. 38. Pursuant to Article 17(1) of the Sixth Directive, which is entitled

'Origin and scope of the right to deduct', the right to deduct VAT arises at the time when the deductible tax becomes chargeable. Consequently, only the capacity in which a person is acting at that time can determine the existence of the right to deduct (Lennartz, paragraph 8). The Court has also held that the use to which capital goods are put merely determines the extent of the initial deduction to which the taxable person is entitled under Article 17 of the Sixth Directive and the extent of any adjustments in the course of the following periods, but does not affect whether a right to deduct arises. It follows that the immediate use of the goods for taxable supplies does not in itself constitute a condition for the application of the system of adjustment of deductions (Lennartz, paragraphs 15 and 16). 40. Lastly, contrary to what the Italian Government contends, adjustment of the deduction under Article 20 of the Sixth Directive also applies necessarily where alteration of the right to deduct depends on a deliberate choice on the part of the taxpayer, such as exercise of the option provided for in Article 13(C) of the Sixth Directive. Exercise of that option has no effect on the inception of the right to deduct, which, as stated above, is governed by Article 17(1) of the Sixth Directive. Since the letting of a property is taxable after the option to become liable to tax has been exercised, an adjustment of the deductions becomes necessary in order to avoid double taxation of the input costs, irrespective of the fact that that taxation is the consequence of a deliberate choice by the taxpayer. 41. Article 18(3) of the Sixth Directive, cited by the Italian Government, is irrelevant in this connection since that paragraph concerns a situation in which a taxpayer has not made deductions which he was entitled to make, which cannot be the case before the option provided for in Article 13(C) of the Sixth Directive has been exercised. As the extent of the initial deduction was nil, it is only after exercising that option that the taxpayer's right to deduct acquires a genuine value which may be subject to deduction. 42. The answer to the second question must therefore be that Article 20 of the Sixth Directive must be interpreted as meaning that the adjustment provided for therein is also applicable where the capital goods were first used in non-taxable activity that was not eligible for deduction and were then used in activity, subject to VAT during the adjustment period.

*Fid-dawl tal-prinċipji ġuridiċi li joħroġu mid-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea hawn appena ċitati, it-Tribunal hu tal-fehma li* taxpayer *li jibdel l-intenzjoni tiegħu dwar l-użu ta' proprjetà immobbli minn użu* outside scope of VAT *- bħal ad eżempju bejgħ ta' proprjetà - għal użu fil-kuntest ta' attività ekonomika soġġetta għar-*regime *tat-taxxa fuq il-valur miżjud - bħal ad eżempju kiri ta' proprjetà - ma huwiex prekluż milli jitlob kreditu għal* input tax *minnu inkorsa fir-rigward tal-iżvilupp ta' dik il-proprjetà immobbli. Għaldaqstant fil-każ in eżami s-socjetà Rikorrenti għandha dritt għat-tnaqqis tal-*input tax *minnha inkorsa, iżda dana* ***limitatament biss*** *għal dawk il-*units *fir-rigward ta' liema tressqu provi li fil-fatt ġew minnha mikrija u mhux mibjugħa, u dana minkejja l-fatt li l-kiri effettivament beda, u b'hekk l-*output tax *relattiva denunzjata, wara l-perijodu ta' taxxa mertu ta' dawn il-proċeduri.*

*Din l-osservazzjoni tat-Tribunal hija bbażata fuq is-segwenti prinċipji enunċjati mill-Qorti Ewropea dwar il-kunċett ta' l-*input tax *u d-dritt għal kreditu ta'* input tax*:*

• According to settled case-law of the Court of Justice, the right of taxable persons to deduct the VAT due or already paid on goods purchased and services received as inputs from the VAT which they are liable to pay is a fundamental principle of the common system of VAT established by the relevant European Union legislation (Joined Cases C-80/11 and C142/11 Mahagèben and Dávid [2012] ECR, paragraph 37 and the case-law cited). The Court has repeatedly held that the right to deduct provided for in Article 167 et seq. of Directive 2006/112 is an integral part of the VAT scheme and in principle may not be limited. The right to deduct is exercisable immediately in respect of all the taxes charged on transactions relating to inputs (see, inter alia Joined Cases C-110/98 to C-147/98 Gabalfrisa and Others [2000] ECR I-1577, paragraph 43; Case C-63/04 Centralan Property [2005] ECR I-11087, paragraph 50: Joined Cases C-439/04 and C-440/04 Kittel and Recolta Recycling [2006] ECR I-6161, paragraph 47; and Mahagében and Dávid, paragraph 38). The deduction system is intended to relieve the trader entirely of the burden of the VAT payable or paid in the course of all his economic activities. The common system of VAT consequently ensures complete neutrality of taxation of all economic activities, whatever the purpose of results of those activities, provided that they are themselves subject to VAT (see Case 268/83 Rompelman [1985] ECR 655, paragraph 19; Case C-37/95 Ghent Coal Terminal [1998] ECR I-1, paragraph 15; Gabalfrisa and Others, paragraph 44; Case C32/03 Fini H [2005] ECR I-1599, paragraph 25; Centralan Property, paragraph 51; ana Mahagében and Dávid, paragraph 39). It is clear from the wording of Article 168 of Directive 2006/112 that, to qualify for the right to deduct, first the person concerned must be a 'taxable person' within the meaning of that directive and, second the goods and services in question must be used for the purposes of his taxed transactions (see Centralan Property, paragraph 52). Under Article 9(1) of that directive a 'taxable person' is defined by reference to the term 'economic activity' (see Fini H, paragraph 19). In this regard, it should be borne in mind that an individual who acquires goods for the purposes of an economic activity within the meaning of that provision does so as a taxable person, even if the goods are not used immediately for that economic activity (see Case C-97/90 Lennartz 15 [1991] ECR I-3795, paragraph 14). According to the settled case-law of the Court, the economic activity referred to in Article 9(1) of Directive 2006/112 may consist in several consecutive transactions and, among those, preparatory acts, such as the acquisition of business assets and therefore the purchase of immovable property, must be regarded as constituting economic activity (see Rompelman, paragraph 22; Lennartz, paragraph 13; Case C-110/94 INZO [1996] ECR I-857, paragraph 15; and Fini H, paragraphs 21 and 22). Any person performing such preparatory acts is consequently regarded as a taxable person within the meaning of that provision and is entitled to deduct the VAT (Fini H, paragraph 22). Furthermore, a person who incurs investment expenditure with the intention, confirmed by objective evidence, of engaging in economic activity within the meaning of Article 9(1) of Directive 2006/112 must be

regarded as a taxable person. Acting in that capacity, he has therefore, in accordance with Article 167 et seq. of the directive, the right immediately to deduct the VAT payable or paid on the investment expenditure incurred for the purposes of the transactions which he intends to carry out and which give rise to the right to deduct (see, to that effect, Rompelman, paragraphs 23 and 24; INZO, paragraphs 16 and 17; Ghent Coal Terminal, paragraph 17; Gabalfrisa and Others, paragraph 47; and Case C400/98 Breitsohl [2000] ECR I-4321, paragraph 34). Accordingly, it is the acquisition of goods by a taxable person acting as such that gives rise to the application of the VAT system and therefore of the deduction mechanism. The use to which the goods or services are put, or intended to be put, merely determines the extent of the initial deduction to which the taxable person is entitled under Article 168 of Directive 2006/112 and the extent of any adjustments in the course of the following periods, adjustments which must be made under the conditions laid down in Article 184 et seq. of that directive (see Lennartz, paragraph 15; Ghent Coal Terminal, paragraph 18; Case C-396/98 Schloßstrasse [2000] ECR-I4279, paragraph 37, Breitsohl, paragraph 35; Centralan Property, paragraph 54; Case C-118/11 Eon Aset Menidjmunt [2012] ECR, paragraph 57; and Case C334/10 X [2012] ECR, paragraph 17). In this context, the Court has held that, in the absence of fraud or abuse and subject to adjustments which may be made in accordance with the conditions laid down in Article 185 of Directive 2006/112, the right to deduct, once it has arisen, is retained even if the economic activity envisaged does not give rise to taxed transactions (see INZO, paragraphs 20 and 21; Ghent Coal Terminal, paragraphs 19 to 23; Schloßstrasse, paragraph 42; Case C-98/98 Midland Bank [2000] ECR I-4177, paragraph 22; and Fini H, paragraph 22) (fn. 26: SC Gran Via Moineşti SRL v. Agenţia Naţională de Administrare Fiscală (ANAF), Administraţia Tinanţelor Publice Bucureşti Sector 1, Case C-257/11, *deċiż fis-26 ta' Mejju 2011.)*

- The existence of a direct and immediate link between a particular input transaction and one or more output transactions giving rise to the right to deduct is, in principle, necessary before the taxable person is entitled to deduct input VAT and in order to determine the extent of such entitlement (see Midland Bank, pargraph 24; Case C-408/98 Abbey National [2001] ECR I-1361, paragraph 26; and Investrand, paragraph 23). The right to deduct VAT charged on acquisition of input goods or services presupposes that the expenditure incurred in acquiring them is part of the cost components of the taxable output transactions giving rise to the right to deduct (see Midland Bank, paragraph 30; and Abbey National, paragraph 28). It is however also accepted that a taxable person has a right to deduct even where there is no direct and immediate link between a particular input transaction and one or more output transactions giving rise to the right to deduct, where the costs of the services in question are part of his general costs and are, as such, components of the price of the goods or services which he supplies. Such costs do, in effect, have a direct and immediate link with the taxable person's economic activity as a whole (see, to that effect, inter alia Midland Bank, paragraph 31, and Case C-465/03 Kretztechnik [2005] ECR I-4357, paragraph 36). It should, next, be noted, with regard to the nature of the

'direct and immediate link' which must exist between an input and an output transaction, that the Court has held that it would not be realistic to attempt to be more specific in that regard. In view of the diversity of commercial and professional transactions, it is impossible to give a more accurate reply as to the method of determining in every case the relationship which must exist between the input and output transactions in order for input VAT to become deductible (see, to that effect, Midland Bank, paragraph 25). Finally, it is apparent from the case-law that, in the context of the direct-link test, which the tax authorities and national courts are to apply, they should consider all the circumstances surrounding the transactions at issue (see, to that effect, Midland Bank, paragraph 25) and take account only of the transactions which are objectively linked to the taxable person's taxable activity. The obligation to take account only of the objective content of the transaction at issue is the most compatible with the aim pursued by the common system of VAT, which seeks to ensure legal certainty and to facilitate the application of VAT (see, to that effect, BLP Group, paragraph 24; Case C-108/99 Cantor Fitzgerald International [2001] ECR I-7257, paragraph 33; and Case C29/08 SKF [2009] ECR I-10413, paragraph 47). The Court has, furthermore, held that it is also in the light of their objective content that it is necessary to determine whether there is a direct and immediate link between the supply of goods or services utilised and a taxable output transaction or, exceptionally a taxable input transaction (see, to that effect, Midland Bank, paragraph 32, and by analogy, with regard to the evidence to be taken into account so as to establish the taxable person's declared intention to allocate specific goods to a transaction subject to VAT, Case 268/83 Rompelman [1985] ECR 655, p.24). The view that, in order to determine whether there is a 'direct and immediate link' between a given transaction and the taxable activity as a whole for the purposes of the abovementioned case-law, it is necessary to take account of the objective characteristics of the supply of goods or services acquired is not called into question by the fact that the Court, in paragraphs 33 and 36 of Investrand, held, in essence, that where the pursuit of the taxable activity is not the exclusive reason for certain fees and costs being incurred, the latter cannot be considered as having a direct and immediate link with that activity. As follows from paragraphs 25 to 34 of that judgment, it is in the light of all the circumstances in which the transactions at issue in the case which gave rise to that judgment took place and, in particular, the facts apparent from the case-file submitted to the Court, that the Court held, first, that Investrand BV had not performed and specific output transactions subject to VAT that gave rise to the fees at issue in the main proceedings. It held, secondly, that unless Investrand BV could prove that it would not have incurred those costs if it had not exercised to taxable economic activity, those costs could not be considered as having been incurred for the purpose of the taxable activities as a whole. It is only because the Court took account, in the context of its examination, of the objective content of the transactions at issue that it was able to find, in paragraph 34 of Investrand, that the situation of Investrand BV was similar to that of a private shareholder and hold that those transactions could not be considered as falling within the scope of the sixth directive. In that regard, it should be noted that, in its judgment in Investrand, the

Court did not preclude that, in the light of their content, the transactions at issue could, in other circumstances, have been related to a taxable economic activity. The Court merely held, as is in essence apparent from paragraph 33 of that judgment, that, even if Investrand BV had not exercised a taxable activity, that company would nevertheless have incurred the costs in question, and, therefore, that the latter could not be considered to have been incurred as a result of the taxable activities of that company. In those circumstances, as the German government claimed, the fact that the existence of the direct and immediate link between a supply of services and the overall taxable economic activity must be determined in the light of the objective content of that supply of services does not preclude that the exclusive reason for the transaction at issue can also be taken into account, since that reason must be considered as a criterion for determining the objective content. Where it is clear that a transaction has not been performed for the purposes of the taxable activities of a taxable person, that transaction cannot be considered as having a direct and immediate link with those activities within the meaning of the Court's case-law, even if that transaction would in the light of its objective content be subject to VAT.

*Trattati dawn il-punti jeħtieġ issa jiġi determinat jekk l-istima maħruġa fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti għall-perijodu ta' taxxa 01.01.08 sa 31.12.12 hijiex eċċessiva jew inkella le.*

*It-Tribunal mill-ewwel josserva li l-maġġor parti tal-*input tax *reklamata mis-soċjetà Rikorrenti għall-perijodu ta' taxxa 01.01.08 sa 31.12.12 ma tistax tiġi aċċettata in vista tal-fatt li mill-blokk kollu fi Triq Ġorġ Borg Olivier, Mellieħa, jirriżulta mill-provi prodotti li appartament wieħed u fond kummerċjali wieħed biss ġew mikrija u huma dawk iż-żewġ* units *biss li jaqgħu taħt ir-*regime *tat-taxxa fuq il-valur miżjud.*

*In kwantu rigwarda l-jedd għall-kreditu għal* input tax*, jiġi osservat li dan ma huwiex dritt awtomatiku tat-*taxpayer *iżda huwa dritt ben regolat mil-Liġi. L-Artikolu 22(2)(3) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: (2) L-*input tax *ta' persuna taxxabbli hija t-taxxa li jkollha titħallas fuq - (a) provvista magħmula lilha, (b) akkwisti magħmula minnha, u (ċ) importazzjonijiet magħmula minna, sal-limitu li l-provvisti hekk magħmula u l-oġġetti hekk akkwistati jew importati jintużaw jew ikunu maħsuba li jintużaw kollha kemm huma fil-kors jew avvanz tal-attività ekonomika tagħha; (3) il-kreditu għal* input tax *ta' żmien ta' taxxa ta' persuna reġistrata taħt l-artikolu 10 huwa ammont li jkun daqsinsew għall-*input tax *ta' dik il-persuna li jkollu jitħallas matul dak iż-żmien li huwa attribwibbli għall-provvisti magħmula jew maħsuba li għandhom jintgħamlu minnha, li jkunu provvisti li għalihom japplika s-subartikolu (4) - fost liema hemm il-provvisti taxxabbli. Is-subartikolu (5) tal-Artikolu 22 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li*: id-dritt ta' kreditu ta' input tax, l-ammont ta' kreditu u l-mod li bih l-input tax hija 18 attribwibbli għall-provvisti huwa suġġett għall-kondizzjonijiet, limitazzjonijiet, reviżjonijiet u aġġustamenti mniżżla fl-Għaxar Skeda.

*Minn dawn il-provvedimenti tal-Liġi joħroġ ferm ċar li* taxpayer *għandu dritt għal kreditu għal* input tax*: (i) għal taxxa minnu mħallsa fuq provvisti, akkwisti jew importazzjoni li jintużaw jew huma intiżi li jintużaw fil-kors jew l-avvanz tal-attività*

*ekonomika tiegħu - għalhekk fil-każ in eżami limitatament għall-attività ekonomika tas-soċjetà Rikorrenti ta' kiri ta' proprjetà immobbli u mhux ukoll għall-operat ta' bejgħ ta' proprjetà immobbli li, kif ingħad, huwa* outside scope *tar*-regime *fiskali tat-taxxa fuq il-valur miżjud; u (ii) it*-taxpayer *irid josserva d-dettami previsti fl-Għaxar Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Il-Partita 1 u 2 tal-Għaxar Skeda tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdu li:* 1. Ħlief hekk kif il-Kummissarju jista' mod ieħor jippermetti ma għandu jiġi permess lil persuna ebda kreditu għal input tax għal xi żmien ta' taxxa kemm-il darba ma ssirx talba skont id-disposizzjoni rilevanti ta' dan l-Att. 2 (1) Ma għandu jitqies ebda ammont bħala input tax ta' persuna kemm-il darba dik il-persuna ma ġġibx prova li dik it-taxxa kellha titħallas fuq il-provvisti ta' oġġetti u servizzi jew akkwisti intra-Komunitarji jew fuq importazzjonijiet ta' oġġetti li jkunu ġew jew ser jiġu wżati minnha fil-kors tal-avvanz tal-attività ekonomika tagħha. (2) Ħlief hekk kif il-Kummissarju jista' mod ieħor jippermetti, ebda ammont ma għandu jitqies bħala input tax ta' persuna kemm-il darba: (a) ma jkunx appoġġat bi: (i) fattura ta' taxxa dwar it-taxxa li għandha x'taqsam mal-oġġetti jew servizzi provduti lilu; jew (ii) fattura ta' taxxa dwar it-taxxa li għandha x'taqsam mal-oġġetti miksuba minnu taħt akkwist intra-Komunitarju jew (iii) dokument ta' importazzjoni li jkun jindika lilha bħala importatur dwar it-taxxa fuq importazzjoni; u (b) dwar kull taxxa fuq xi provvista li skont dan l-Att għandha titħallas minn dik il-persuna jew fuq akkwist intra-Komunitarju, tkun niżżlet dik it-taxxa bħala dovuta lilha fuq id-denunzja tat-taxxa tagħha; u (ċ) id-dokument riferit fil-paragrafu (a) jkun miżmum minn dik il-persuna u jingħata, fuq talba, lill-Kummissarju; u (d) l-ammont tat-taxxa jkun ingħata kont tiegħu kif imiss fid-dokumentazzjoni miżmuma minn dik il-persuna sal-limitu meħtieġ għall-għanijiet tal-Att.

*Ai termini tal-Partita 3 tat-Tnax-il Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, fattura ta' taxxa għandu jkun fiha s-segwenti partikolaritajiet:* (a) id-data tal-ħruġ; (b) numru sekwenzjali, bażat fuq serje waħda jew aktar li unikament jidentifika l-fattura; (ċ) l-isem u l-indirizz ta' min jagħmel il-provvista u n-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud li taħtu jkun għamel dik il-provvista; (d) l-isem u l-indirizz tal-persuna li tkun irċeviet il-provvista u n-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud li taħtu tkun akkwistat l-oġġetti jew is-servizzi provduti lilha; (e) il-kwantità u n-natura tal-oġġetti jew il-limitu u n-natura tas-servizzi provduti; (f) id-data li fiha l-provvista tkun saret jew tkun intemmet jew id-data li fiha jkun sar il-ħlas akkont tal-provvista sa fejn dik id-data tista' tiġi stabbilita u tkun differenti mid-data tal-ħruġ tal-fattura; (g) il-valur taxxabbli skont ir-rata jew eżenzjoni, il-prezz bil-wieħed esklużmit-taxxa u kull skont jew roħs jekk dawn ma jkunux inklużi fil-prezz bil-wieħed; (h) ir-rata ta' taxxa applikata; (i) l-ammont ta' taxxa li għandha titħallas, għajr fejn ikun applikat arranġament speċjali li taħtu, b'konformità ma' dan l-Att, tali dettall ikun eskluż; (j) fejn il-persuna obbligata li tħallas it-taxxa hija rappreżentant tat-taxxa fi Stat Membru ieħor, in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT ta' dak ir-rappreżentant tat-taxxa, flimkien mal-isem u l-indirizz sħiħ tiegħu; (k) fejn it-taxxa ssir dovuta fil-waqt meta l-ħlas jiġi riċevut f'konformità mat-Taqsima Wieħed u t-Taqsima Tlieta tal-Erbatax-il Skeda, ir-

referenza "Kontabilità bbażata fuq ħlasijiet"; (l) fejn il-klijent li jirċievi l-provvista joħroġ il-fattura minflok il-fornitur, ir-referenza "Awtofatturazzjoni"; (m) fejn fattura ta' taxxa tkun tirreferi għal provvisti li fuqhom ma jkollha titħallas ebda taxxa, din għandha turi referenza fil-qosor għad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan l-Att, jew id-dispożizzjonijiet adatti tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, jew kull indikazzjoni oħra li abbażi tagħhom ma jkollha titħallas ebda taxxa, u għandha ssir distinzjoni bejn: (i) provvisti magħmula barra minn Malta; (ii) provvisti eżenti bil-kreditu; (iii) provvisti eżenti bla kreditu: (n) fejn il-klijent huwa responsabbli li jħallas it-taxxa, ir-referenza "Reverse charge" ; (o) fejn tiġi applikata l-iskema ta' marġini għall-aġenti tal-ivvjaġġar, ir-referenza "Skema ta' marġini - Aġenti tal-Ivvjaġġar"; (p) fejn jiġi applikat wieħed mill-arranġamenti speċjali applikabbli għal oġġetti użati, xogħlijiet tal-arti, oġġetti tal-kollezzjoni u antikitajiet, ir-referenza "Skema ta' marġini - Oġġetti Użati"; "Skema ta' marġini - xogħlijiet tal-arti" jew "Skema ta' marġini - oġġetti tal-kollezzjoni u antikitajiet" rispettivament; (q) fejn il-fattura tinħareġ minn persuna taxxabbli, li mhux stabbilita fl-Istat Membru fejn it-taxxa hi dovuta jew l-istabbiliment tagħha f'dak l-Istat Membru ma jintervjenix fil-provvista fis-sens tal-proviso tal-artikolu 20(2) ta' l-Att, u li tkun qed twettaq provvista ta' oġġetti jew servizzi lil klijent li hu obbligat iħallas it-taxxa, il-persuna taxxabbli tista' tħalli barra d-dettalji msemmijin fis-subparagrafi (g), (h) u (i) ta' din il-partita u minflok tindika, b'referenza għall-kwantità u l-limitu tal-oġġetti jew tas-servizzi pprovduti u n-natura tagħhom, l-ammont taxxabbli ta' dawk l-oġġetti jew servizzi; (r) fattura għall-provvista intra-Komunitarja ta' mezz ġdid ta' trasport għandu jkun fiha l-partikolaritajiet imsemmija fit-tifsira ta' "mezz ġdid ta' trasport" skont l-artikolu 2 tal-Att.

*Għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri, it-Tribunal iqis li huwa ferm rilevanti u pertinenti ukoll dak provdut fil-Partiti 4(2)(3), 5 u 6 tal-Għaxar Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta: Partita 4(2) u (3):* (2) fil-każ ta' proprjetà immobbli li tifforma parti mill-assi kummerċjali ta' persuna taxxabbli u użata kemm għal finijiet tan-negozju tal-persuna taxxabbli kif ukoll għal finijiet privati tal-persuna jew tal-persunal tagħha, jew, b'mod aktar ġenerali, għal finijiet oħra apparti dawk tan-negozju tagħha, il-VAT fuq l-infiq relatat ma' din il-proprjetà għandu jitnaqqas f'konformità mal-prinċipji stabbiliti f'din l-Iskeda sal-proporzjon biss tal-użu tal-proprjetà għal finijiet kummerċjali tal-persuna taxxabbli, liema proporzjon tagħti d-dritt għat-tnaqqis lil dik il-persuna. B'deroga mill-partita 15 tat-Tieni Skeda, bidliet fil-proporzjon tal-użu ta' proprjetà immobbli msemmija fil-paragrafu (1) għandhom jitqiesu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-partita 7 ta' din l-Iskeda. (3) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (2) japplikaw ukoll fir-rigward tal-VAT fuq l-infiq relatat ma' oġġetti kapitali oħrajn barra minn proprjetà immobbli li jifformaw parti mill-assi kummerċjali ta' persuna taxxabbli. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "oġġetti kapitali" għandha t-tifsir mogħti lilha fir-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Aġġustamenti li għandhom x'jaqsmu ma' Oġġetti Kapitali) (L.S. 406.12).

*Il-Partita 5 tal-Għaxar Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta tipprovdi li:* (1) Kull input tax ta' persuna reġistrata taħt l-artikolu 10 għal żmien ta' taxxa li jkun esklużivament attribwibbli għal provvisti li japplika għalihom l-artikolu 22(4) għandha

tiġi permessa bħala kreditu għal dak il-perijodu. (2) Kull input tax li jkun esklużivament attribwibbli għal provvisti li ma jkunux imsemmija fil-paragrafu (1) ma għandhomx jiġu permessi bħala kreditu. (3) Kull input tax għal żmien ta' taxxa attribwibbli kemm għall-provvisti li japplika għalihom l-artikolu 22(4) kif ukoll għal provvisti oħra għandu jiġi f'sehem minnu permess bħala kreditu għal dak iż-żmien ta' taxxa, liema sehem għandu jiġi stabbilit skont il-partita 6 jew 8.

*Il-Partita 6 tal-Għaxar Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta tipprovdi li:* (1) Is-sehem ta' input tax permess bħala kreditu lil persuna skont il-partita 5(3) għandu jiġi kalkolat kif ġej: (a) il-valur totali ta' provvisti li għalihom japplika l-artikolu 22(4) magħmula minn dik il-persuna matul iż-żminijiet kollha ta' taxxa li jintemmu matul sena kalendarja huwa diviż bil-valur totali ta' provvisti magħmula minn dik il-persuna matul dawk iż-żminijiet ta' taxxa; (b) ir-riżultat miksub skont ilparagrafu (a) għandu jkun il-proporzjon definittiv għas-sena li għaliha jirreferi dak il-paragrafu u l-proporzjon provviżorju għas-sena ta' wara; (ċ) il-kreditu ta' dik il-persuna għal kull żmien ta' taxxa li jintemm matul sena kalendarja għandu jiġi kalkolat provviżorjament billi jiġi moltiplikat il-valur ta' input tax ta' dik il-persuna għal dak iż-żmien ta' taxxa bil-proporzjon provviżorju għal dik is-sena; (d) il-kreditu totali ta' input tax ta' dik il-persuna għaż-żminijiet kollha ta' taxxa li jintemmu matul sena kalendarja għandu jiġi kalkolat definittivament billi jiġi moltiplikat l-input tax totali għal dawk iż-żminijiet bil-proporzjon definittiv għal dik is-sena; (e) id-differenza bejn it-total ta' input tax għal żminijiet ta' taxxa li jintemmu matul sena kalkolata provviżorjament taħt il-paragrafu (ċ) u l-kalkolu definittiv għal dik is-sena skont il-paragrafu (d) għandha tirrappreżenta t-taxxa dovuta minn dik il-persuna jew it-tnaqqis permissibbli ta' dik il-persuna, skont il-każ, liema taxxa jew tnaqqis għandu jingħata kont tiegħu fid-denunzja tat-taxxa għall-ewwel żmien ta' taxxa li jintemm fis-sena li tiġi wara dik li fiha kien intgħamel il-kalkolu provviżorju: iżda t-taxxa jew tnaqqis dwar sena li matulha ir-reġistrazzjoni ta' persuna taħt l-artikolu 10 kienet imħassra għandu jingħata kont tiegħu fl-aħħar żmien ta' taxxa tagħha. (2) Għall-għanijiet tal-paragrafu (1): (a) il-valur ta' provvisti mhux suġġetti għat-taxxa taħt dan l-Att għandu jiġi stabbilit bil-mod li japplika sabiex jiġi stabbilit il-valur taxxabbli ta' provvisti taxxabbli; (b) għandu jiġi eskluż mill-valur tal-provvisti magħmula minn dik il-persuna - (i) il-valur ta' kull provvista ta' oġġetti kapitali wżati fl-attività ekonomika tagħha; (ii) il-valur ta' kull provvista li dik il-persuna tagħmel lilha nnifisha; (iii) il-valur ta' kull provvista li ma ssirx minn persuna taxxabbli li taġixxi bħala tali.

*Dawn il-provvedimenti japplikaw għall-każ in eżami għar-raġuni li filwaqt uħud mill-fatturi sottomessi mis-soċjetà Rikorrenti in sostenn tal-kreditu ta'* input tax *minnha reklamat jidentifikaw l-ispejjeż inkorsi u konsegwenti taxxa mħallsa għall-*units *formanti l-blokk in kwistjoni, b'mod individwali, hemm fatturi oħra, senjatament dawk relatati ma' twaqqigħ tal-proprjetà oriġinali, skavar, eċċ, li tali distinzjoni ma jagħmluhiex.*

*Qabel ma jista' jgħaddi biex jiddetermina l-kreditu ta'* input tax *qual'volta dovut lis-soċjetà Rikorrenti skont dak kollu hawn appena osservat, it-Tribunal se jgħaddi biex*

*jiddetermina jekk l-ewwel u qabel kollox l-imsemmija soċjetà tissodisfax ir-rekwiżiti stipulati fl-Għaxar Skeda u fit-Tnax-il Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, fir-rigward tal-provi minnha sottomessi in sostenn ta' tali kreditu hekk qual'volta dovut, u dana billi kif jirriżulta mill-*Credit Control Report*, hemm diversi dokumenti sottomessi mis-soċjetà Rikorrenti li ma ġewx aċċettati mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud in kwantu ma jissodisfawx id-dettami tal-imsemmija żewġ Skedi tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Mid-dokument markat Dok. "R" esebit mill-Kummissarju tat-Taxxi, ossia l-file tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud relattiv għall-vertenza odjerna, jirriżulta* breakdown *tal-ammonti reklamati mis-soċjetà Rikorrenti u l-ewwel żewġ ammonti reklamati huma dawk ta' €3,647.70 in konnessjoni ma' xogħlijiet ta' demolizzjoni esegwiti minn Express Excavation & Demolition Works u €931.89 in konnessjoni ma' xogħlijiet skavar ukoll esegwiti minn Express Excavation & Demolition Works. Dawn l-ammonti, hekk kif jirriżulta mill-*Credit Control Report *ma ġewx aċċettati stante li: (i) il-fattura relattiva għax-xogħlijiet ta' demolizzjoni inħarġet fuq isem Jeremy Debono u mhux is-soċjetà Rikorrenti in vjolazzjoni tat-Tnax-il Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta; u (ii) is-soċjetà Rikorrenti issostanzjat ix-xogħlijiet ta' twaqqigħ permezz ta' dokument maħruġ mill-Perit Joseph Attard u mhux permezz ta' fattura ta' taxxa maħruġa mill-fornitur tax-xogħlijiet.*

*Għalkemm huwa minnu li l-fattura in sostenn tax-xogħlijiet ta' demolizzjoni sottomessa mis-soċjetà Rikorrenti lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fl-istadju tal-*Credit Control *kienet fattura maħruġa fuq isem Jeremy Debono, l-istess soċjetà Rikorrenti ssottomettiet quddiem dan it-Tribunal fattura ta' taxxa korrettament maħruġa f'isimha (fn. 28: Red 10 a tad-dokument Dok. "R"). Bl-istess mod għalkemm ix-xogħlijiet ta' twaqqigħ ġew sostanzjati mis-soċjetà Rikorrenti permezz ta' dokument maħurġ mill-Perit Joseph Attard, quddiem dan it-Tribunal hija ppreżentat fattura ta' taxxa maħruġa mill-fornitur ta' dawn ix-xogħlijiet ossia minn Express Excavation & Demolition Works (fn. 29: Dok. "B" a fol. 184 tal-proċess). Dawn il-fatturi a fol. 183 u 184 tal-proċess, issa in konformità mad-dettami tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, ma ġew bl-ebda mod kontestati u/jew imxejna mill-Kummissarju tat-Taxxi, illum Kummissarju tat-Taxxa u Dwana, u fiċ-ċirkostanzi għalhekk it-Tribunal iqis li l-istess issa għandhom jiġu aċċettati bħala prova sodisfaċenti tal-ispejjeż inkorsi għad-demolizzjoni u twaqqigħ tal-proprjetà oriġinali fi Triq Ġorġ Borg Olivier, Mellieħa.* ***Naturalment, dawn il-fatturi issa jridu jiġu kkunsidrati fid-dawl tal-attribuzzjoni li jeħtieġ issir peress illi żewġ*** **units** ***biss mill-blokk kollu in kwistjoni jirriżultaw li ġew mikrija mis-soċjetà Rikorrenti.***

*Is-soċjetà Rikorrenti talbet ukoll kreditu għal* input tax *relattiv għal xogħlijiet esegwiti mis-soċjetà Central Asphalt Limited konsistenti f'*carting away of loose material u supply of building material concrete & bricks *(fn. 30: formanti parti mid-dokument Dok. "R"). Għalkemm mill-*Credit Control Report *ma jirriżultax li kien hemm xi kummenti avversi dwar il-fatturi in kwistjoni - VAT relattiva €1,008 u €906.89 rispettivament - it-Tribunal jinnota li meta dawn il-fatturi ġew esebiti lid-Dipartiment*

*tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fil-kors tal-*Credit Control*, kellhom nieqes kull waħda minnhom in-numru tal-VAT tas-soċjetà rikorrenti. Dan in-nuqqas ġie sanat mis-soċjetà Rikorrenti permezz taż-żewġ fatturi ppreżentati mill-ġdid quddiem it-Tribunal, din id-darba bid-debita indikazzjoni tan-numru tal-VAT tagħha - Dok. "E" fol. 187 u 188 tal-proċess. Hawn ukoll il-Kummissarju tat-Taxxi, illum Kummissarju tat-Taxxa u Dwana, ma ikkontestax u/jew xejjen dawn il-fatturi u t-Tribunal iqis li l-istess issa għandhom jiġu aċċettati bħala prova sodisfaċenti tal-ispejjeż inkorsi għal dawn ix-xogħlijiet partikolari esegwiti minn Central Asphalt Limited għas-soċjetà Rikorrenti. F'dan il-każ ukoll dawn il-fatturi issa jridu jiġu kkunsidrati fid-dawl tal-attribuzzjoni li jeħtieġ issir peress illi żewġ* units *biss mill-blokk kollu in kwistjoni jirriżultaw mikrija mis-soċjetà Rikorrenti. Fattura oħra sottomessa mis-soċjetà Rikorrenti in sostenn tal-kreditu għal* input tax *minnha reklamat iżda mhux aċċettat mill-Kummissarju tat-Taxxi hija l-fattura maħruġa minn Exalta datata 29 ta' Settembru 2008 (fn. 31: formanti parti mid-dokument markat Dok. "R"). Din il-fattura ma ġietx aċċettata mid-Dipartiment peress illi nħarġet f'isem Jeremy Debono u mhux is-soċjetà Rikorrenti. Meta t-Tribunal ikkonsidra din il-fattura jidher li fuqha hemm indikat li nħarġet fil-konfront ta' Concorde Developments c/o Jeremy Debono. Huwa evidenti li il-parti "Concorde Developments c/o" inkitbet wara li nħarġet il-fattura iżda ma hemmx prova minn min żdied tali dettal. Fin-nuqqas ta' tali prova t-Tribunal iqis li dan id-dokument ma jistax u ma għandux jiġi aċċettat bħala prova sodisfaċenti għall-finijiet ta' kreditu għal* input tax *reklamat mis-soċjetà Rikorrenti.*

*Is-soċjetà Rikorrenti talbet ukoll kreditu għal* input tax *relattiv għall-ispejjeż inkorsi fir-rigward ta' servizzi professjonali reżi lilha mill-Perit Joseph Attard, liema talba, li kienet għal* input tax *fl-ammonti ta' €1,206.54 u ta' €72.00, però ma ġietx aċċettata mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjuda peress illi in sostenn tal-istess hija issottomettiet* Request for Payment *u mhux fattura ta' taxxa ai termini tal-Liġi. Tul is-smigħ ta' dawn il-proċeduri s-soċjetà Rikorrenti ssottomettiet dokumentazzjoni debitament iffirmata mill-Perit Joseph Attard - Dok. "C" u Dok. "D" a fol. 185 u 186 tal-proċess - li fil-fehma tat-Tribunal fiha l-elementi kollha meħtieġa mill-Liġi għal fattura ta' taxxa. Għalkemm fuqha hemm miktub* request for payment*, it-Tribunal iqis li ma jistax u ma għandux għaldaqshekk biss jinjora l-elementi l-oħra kollha, inkluż in-numru tal-VAT tas-soċjetà Rikorrenti, ilkoll meħtieġa u rikoxxuti mil-Liġi sabiex talba għal kreditu ta'* input tax *titqies debitament sostanzjata. F'dan il-każ ukoll il-Kummissarju tat-Taxxi, illum Kummissarju tat-Taxxa u Dwana, ma kkontestax u/jew xejjen dawn id-dokumenti u t-Tribunal iqis li l-istess issa għandhom jiġu aċċettati bħala prova sodisfaċenti tal-ispejjeż inkorsi u taxxa mħallsa mis-soċjetà Rikorrenti għas-servizzi professjonali reżi lilha mill-Perit Joseph Attard.* ***Hawn ukoll dawn il-fatturi issa jridu jiġu ikkunsidrati fid-dawl tal-attribuzzjoni li jeħtieġ issir peress illi żewġ units*** **biss** ***mill-blokk kollu in kwistjoni jirriżulta li ġew mikrija mis-soċjetà Rikorrenti.***

*Is-soċjetà Rikorrenti rreklamat ukoll l-*input tax *relattiv għal provvisti magħmula lilha minn Ballut Blocks - 06.02.2009 €1,309.21, 10.04.2009 €1,127.52 u 03.07.2009 €1,602.14 - iżda dawn ma ġewx aċċettati mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur*

*Miżjud stante li in sostenn ta' dawn l-ammonti l-imsemmija soċjetà ma issottomettietx fatturi ta' taxxa iżda biss* Certificates of Payment *maħruġa mill-Perit Joseph Attard. Bl-istess mod, ossia permezz ta'* Certificate of Payment*, is-soċjetà Rikorrenti ssostanzjat* input tax *reklamat għal provvista oħra magħmula lilha minn Central Asphalt - fattura numru 34619 b'taxxa fl-ammont ta' €129.60, liema ammont ukoll, għall-istess raġuni, ma ġiex aċċettat mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.*

*Fil-fehma tat-Tribunal id-Dipartiment kien korrett li fl-istadju ta'* Credit Control *dawn l-ammonti reklamati mis-soċjetà Rikorrenti ma ġewx aċċettati iżda, jeħtieġ jiġi osservat li tul is-smigħ ta' dawn il-proċeduri s-soċjetà Rikorrenti esebiet il-fattura numru 34619 maħruġa minn Central Asphalt in sostenn tas-somma ta' €129.60 (fn 32: fol. 189 tal-proċess), liema fattura ma ġietx kontestata u/jew imxejna mill-Kummissarju tat-Taxxi, illum Kummissarju tat-Taxxa u Dwana, iżda ma esebiet xejn fir-rigward tal-*input tax *relattiv għall-provvisti magħmula minn Ballut Blocks.* ***Fiċ-ċirkostanzi għalhekk it-Tribunal iqis li jista' jiġi ikkunsidrat l-ammont ta' €129.60, dejjem a bażi tal-attribuzzjoni meħtieġa f'dan il-każ, li huwa t-*****tax element** ***għall-provvista ta'*** **bricks 9" single** ***minn Central Asphalt Limited, iżda mhux ukoll l-ammonti relattivi għal Ballut Blocks****.*

*Kreditu għal* input tax *ieħor reklamat mis-soċjetà Rikorrenti huwa dak relattiv għal xogħol ta' kostruzzjoni esegwit minn Frans Sammut kopert dan b'fatturi datati 2 ta' Jannar 2009, 13 ta' Frar 2009, 11 ta' April 2009, 15 ta' Ġunju 2009, 6 ta' Awwissu 2009 u 17 ta' Ottubru 2009 minn liema jirriżulta li l-*input tax *relattiva hija fl-ammonti ta'* ***€6,101.69, €3,813.56, €3,813.56, €4,576.27, €5,338.98 u €4,327.22****, rispettivament. Mill-*Credit Control Report *ma jirriżultax li d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kellu xi rimostrazzjonijiet dwar dawn l-ammonti u l-provi meħtieġa ai termini tal-Liġi. In effetti t-Tribunal ikkonsidra l-fatturi relattivi esebiti mis-soċjetà Rikorrenti tul is-smigħ tal-proċeduri (fn. 33: dok. "F" a fol. 190 sa 195 tal-proċess) u mhux kontestati u/jew imxejna mill-Kummissarju tat-Taxxi, illum Kummissarju tat-Taxxa u Dwana, li jinkludu wkoll in-numru tal-VAT tal-istess imsemmija soċjetà,* ***u jqis li dawn l-ammonti għandhom ukoll jiġu kkunsidrati għall-*****input tax** ***dovuta wara li ssir l-attribuzzjoni meħtieġa skont dak già iktar 'l fuq osservat.***

*Is-soċjetà Rikorrenti rreklamat ukoll kreditu għal* input tax *relattiv għal xogħlijiet esegwiti minn Victoria Aluminium iżda hija rreklamat l-*input tax *għall-appartamenti kollha u għall-*penthouse *formanti parti mill-blokk Concorde Building, Triq Ġorġ Borg Olivier, Mellieha, filwaqt illi mill-provi rriżulta li kienu biss l-appartament numru 2 u l-fond kummerċjali bl-isem "Gusti Siciliani" li ġew mikrija mis-soċjetà Rikorrenti. Fid-dawl ta' dan isegwi li s-soċjetà Rikorrenti ma tistax tiġi konċessa l-*input tax *kollha minnha reklamata* ***iżda biss l-*****input tax** ***relattiva għall-appartament numru 2 li skont il-fattura sottomessa lid-Dipartiment u esebita fl-atti ta' dawn il-proċeduri tul is-smigħ tal-proċeduri*** *(fn. 34: dok. "G" a fol. 196 u 197 tal-proċess),* ***din tammonta għal €410.04****.*

Input tax *ieħor reklamat mis-soċjetà Rikorrenti huwa relattiv għal* plumbing and electrical works *esegwiti minn Joseph Borg u koperti b'fattura bin-numru 41, liema* input tax *però ma ġietx aċċettata stante li l-fattura tgħajjat lil Debono u mhux lis-soċjetà Rikorrenti (fn. 35: formanti parti mid-dokument markat Dok. "R"). Fil-kors ta' dawn il-proċeduri s-soċjetà Rikorrenti ppreżentat fatturi oħra - ossia iktar minn waħda u b'numri u dati differenti, addirittura 'l barra mill-perijodu ta' taxxa mertu ta' dawn il-proċeduri - għal dik il-fattura unika sottomessa waqt il-*Credit Control - *relattivi għax-xogħlijiet allegatament esegwiti minn dan Joseph Borg fil-blokk bl-isem Concorde Building, Triq Ġorġ Borg Olivier, Mellieħa (fn. 36: Dok. "H" a fol. 198 sa 210 tal-proċess). Fil-fehma tat-Tribunal dan l-*input tax *issa reklamat mis-soċjetà Rikorrenti ma jistax u ma għandux jiġi aċċettat in kwantu ma kienx ġie minnha oriġinarjament reklamat u għaldaqstant ma jifformax parti mill-istima maħruġa fil-konfront tagħha u formanti l-mertu ta' dawn il-proċeduri. Għalkemm il-fattura sottomessa mis-soċjetà Rikorrenti waqt il-*Credit Control *tindika Flat 2 u l-ammont ta' xogħol esegwit għall-valur ta' €3,036.86, it-Tribunal ma jistax jistrih fuq dik il-fattura li tgħajjat lil Debono Flats u lanqas jista' jqis li kienet fattura għall-immobbli mertu ta' dawn il-proċeduri meta s-soċjetà Rikorrenti stess ippreżentat fatturi differenti b'ammonti ferm differenti għal dik oriġinarjament minnha sottomessa lid-Dipartiment.*

*Is-soċjetà Rikorrenti rreklamat ukoll* input tax *relattiv għal xogħol ta' kontra-bejt li sar iżda in sostenn ta' dan l-ammont issottomettiet u straħet biss fuq riċevuta tal-*VAT book *u mhux fuq fattura ta' taxxa. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk dan l-ammont ukoll ma jistax u ma għandux jiġi kkunsidrat.*

*Is-soċjetà Rikorrenti rreklamat ukoll* input tax *relattiv għal xogħol da parte ta' Camray iżda t-talba tagħha ma ġietx aċċettata stante li d-dokument in sostenn tal-istess minnha sottomess waqt il-*Credit Control *kien* Interim Payment Application *u mhux fattura ta' taxxa ai termini tal-Liġi. Hawn it-Tribunal iqis li d-Dipartiment kien korrett u dan id-dokument qatt ma seta' jitqies li sodisfaċentement jissosstanzja t-talba tas-soċjetà Rikorrenti. Għalkemm is-soċjetà Rikorrenti esebiet dokument ieħor in sostenn ta' tali talba tagħha, ossia Dok. "I" a fol. 211 tal-proċess, dan id-dokument ma jistax jiġi aċċettat bħala prova sodisfaċenti tat-talba tagħha għar-raġuni li dan id-dokument huwa datat 30 ta' April 2013, ossia data li ma taqax entro l-perijodu ta' taxxa suġġett tal-istima mertu ta' dawn il-proċeduri.*

*In fine s-soċjetà Rikorrenti rreklamat ukoll* input tax *relattiv għal servizzi prestati lilha minn Charles Scerri and Associates skont fattura datata 21 ta' Diċembru 2012.* ***Dan l-*****input tax** ***għandu jiġi aċċettat mill-Kummissarju tat-Taxxa u Dwana wara li ssir l-attribuzzjoni meħtieġa skont dak già iktar 'l fuq osservat****.*

*Huwa evidenti għalhekk li l-uniku* input tax *li seta' jiġi reklamat mis-soċjetà Rikorrenti kien biss dak hawn identifikat mit-Tribunal u tali reklam seta' jsir a bażi ta' attribuzzjoni ai termini tal-Liġi.*

*In kwantu rigwarda l-penali imposta fuqha, is-soċjetà Rikorrenti tikkontendi li hija ma għandha tkun assoġġettata għal ebda penali stante li hija aġixxiet in* buona fede *u ma jeżistux l-estremi in bażi għal liema hija għandha tbati miżuri punittivi.*

*It-Tribunal assolutament ma jaqbilx ma' dan l-aggravju tas-soċjetà Rikorrenti stante li l-Artikolu 37(1)(b) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta kjarament jiddisponi li*: bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), meta d-denunzja magħmula minn persuna reġistrata taħt l-artikolu 10 għal żmien ta' taxxa ikun fiha dikjarazzjoni bin-nieqes tal-output tax jew dikjarazzjoni biż-żejjed tat-tnaqqis għal dak iż-żmien dik il-persuna tkun suġġetta għal penali amministrattiva f'ammont ekwivalenti għal għoxrin fil-mija mit-total ta' - … (b) l-eċċess, jekk ikun hemm, tat-tnaqqis kif dikjarat fid-denunzja fuq l-ammont korrett tat-tnaqqis.

*Mid-diċitura ta' dan l-artikolu tal-Liġi huwa evidenti li t-taxxa amministrattiva ma tiġix imposta fuq bażi ta'* mala fede *da parte* taxpayer *iżda għaliex ikun hemm dikjarazzjoni biż-żejjed tal-input tax reklamat, liema dikjarazzjoni biż-żejjed ta'* input tax t*ista' tirriżulta minħabba diversi raġunijiet, fosthom għaliex id-dokumenti sottomessi in sostenn tal-istess ma jkunux in konformità mad-disposizzjonijiet tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, u mhux biss u unikament minħabba* mala fede *da parte tal-istess* taxpayer.

*Naturalment in vista tat-tnaqqis u aġġustament li jrid isir lill-istima in kwistjoni skont dak deċiż f'din is-sentenza, l-ammont ta' taxxa amministrattiva jrid jiġi rivedut 'l isfel ukoll.*

*Is-soċjetà Rikorrenti tikkontendi wkoll li ir-rapport taxxa pperikolata/multi amministrattivi u imgħax punittiv jippekkaw serjament f'dak illi hija proporzjonalità.*

*In kwantu rigwarda dan l-aggravju t-Tribunal huwa tal-fehma li entro l-parametri tal-kompetenza Tiegħu kif konferita bl-Artikolu 45 u bil-Partita 1 tad-Disa Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa jista' jikkonsidra u jiddetermina biss jekk fl-imposizzjoni tat-taxxa addizzjonali u imgħaxijiet il-Kummissarju tat-Taxxa u Dwana, u d-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) qablu, mexiex skont il-provvedimenti relattivi tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-każ in eżami jirriżulta li d-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) impona taxxa amministrattiva u imgħax fuq is-soċjetà Rikorrenti a tenur tal-Artikoli 21(4) u 37(1)(b) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, u għaldaqstant ma jirriżultax li dawn, bħala parti mill-istima maħruġa fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti, huma żbaljati jew eċċessivi. Jekk is-soċjetà Rikorrenti tikkontendi però li d-disposizzjonijiet tal-Liġi kif promulgati jiksru l-prinċipju ta' proporzjonalità, it-Tribunal ma huwiex il-*forum *idoneju fejn tiġi trattata tali kwistjoni."*

**L-Appell**

7. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fil-31 ta' Lulju, 2024, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex:

> *"... jogħġobha tilqa' l-appell odjern, u konsegwentement tħassar u tirrevoka s-sentenza li ngħatat fit-2 ta' Lulju, 2024 mit-Tribunal għar-Reviżjoni Amministrattiva billi tilqa' u takkolji t-talba tas-soċjetà rikorrenti appellanti sabiex l-istima maħruġa fil-konfront tagħha mill-intimat appellat għall-perijodu ta' taxxa bejn l-1 ta' Jannar, 2008 sal-31 ta' Diċembru, 2012, inkluż għal ħlas ta' taxxa addizzjonali u imgħax, tiġi mħassra, u fin-nuqqas u* in subsidium, *tordna illi s-sentenza li ngħatat mit-Tribunal għal Reviżjoni Amministrattiva tiġi riformata u varjata sabiex l-intimat appellat jaċċetta wkoll l-*input tax *riżultanti mil-fattura maħruġa minn Camray Company Limited, u b'hekk tiġi varjata l-istima maħruġa mill-intimat appellat, kif ukoll illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tipprefiġġi terminu qasir u perentorju li fih l-intimat appellat jiġi ordnat illi jwettaq ir-reviżjoni tal-istima rilaxxjata minnu in linea ma' dak ordnat mill-Onorabbli Tribunal għal Reviżjoni Amministrattiva, u minn din l-Onorabbli Qorti, skont il-każ, filwaqt illi tagħti kwalunkwe provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.*
>
> *Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat appellat."*

8. L-appellanta tgħid li hija ħassitha aggravata għal tliet raġunijiet ewlenin: (i) it-Tribunal kien żbaljat meta ddeċieda li l-bidla fl-intenzjoni tas-soċjetà rikorrenti kienet limitata biss għal żewġ *units* mill-blokka kollha; (ii) it-Tribunal naqas milli jistipula t-terminu entro meta għandu jsir l-aġġustament mill-Kummissarju appellat tal-istima rilaxxata minnu; (iii) it-Tribunal naqas meta m'aċċettax il-fattura maħruġa minn Camray Company Limited.

9. L-appellat wieġeb billi qal li r-rikors tal-appell intavolat mis-soċjetà appellanta huwa improponibbli għaliex m'għandux bażi legali fuq xiex jistrieħ. Saħaq li meta s-soċjetà appellanta resqet bl-appell tagħha quddiem it-Tribunal, dan kellu l-mansjoni legali jiddetermina jekk l-eċċezzjonijiet tagħha kellhomx

jintlaqgħu jew le. Qal li kif jidher ċar mid-deċiżjoni tat-Tribunal, dan daħal bir-reqqa fix-xhieda u fil-provi dokumentarji kollha prodotti mill-appellanta in sostenn tal-affermazzjonijiet tagħha, u għamel l-apprezzament ta' tali fatti. Qal li l-appellanta qiegħda tkun ekonomika mal-verità u mal-mod kif seħħew il-fatti.

10. Bħala sfond fattwali, l-appellat spjega li s-soċjetà appellanta kienet irreġistrat taħt l-artikolu 10 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta fid-19 ta' Settembru, 2012, u hija kienet talbet li r-reġistrazzjoni tagħha tidħol fis-seħħ b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar, 2008, billi ddeskriviet l-attività ekonomika tagħha bħala '*property letting*'. Qal li fis-17 ta' Ottubru, 2013 huwa kien kiteb lis-soċjetà appellanta, u talabha tipprovdilu l-kotba tan-negozju għall-perijodu tat-taxxa msemmi fl-ittra relattiva, peress li ried jibda investigazzjoni. Qal li s-soċjetà appellanta talbet li tieħu żewġ faċilitajiet ta' self mill-bank HSBC, u fl-20 ta' Awwissu, 2010, il-bank, permezz ta' *sanction letter,* informa lill-appellanta li s-self kien ġie approvat, u l-ħlas lura kellu jsir permezz tal-bejgħ tal-istess proprjetà fi Triq Ġorġ Borg Olivier, il-Mellieħa. Qal li fis-27 ta' Ottubru, 2011, il-bank ħareġ *sanction letter* oħra, din id-darba bi '*Special conditions for buy and let facilities',* hekk kif jidher li fi żmien erbatax-il xahar, l-intenzjoni tas-soċjetà appellanta inbidlet minn waħda li tbiegħ għal waħda li tikri l-proprjetà. Qal li fil-kors tal-investigazzjoni, is-soċjetà appellanta ppreżentat żewġ *lease agreements.* Qal li huwa kien ħa kampjun ta' dokumenti li permezz tagħhom s-soċjetà appellanta kienet talbet rifużjoni tal-*input VAT,* u l-kampjun kien wieħed ta' tnax-il fattura li flimkien kienu jammontaw għal €41,451.77, u dan meta fil-perijodu ta' taxxa taħt investigazzjoni, is-soċjetà appellanta kienet qiegħda titlob l-ammont ta' €73,910.68 bħala *input VAT.* Qal li l-kampjun meħud minnu kien jammonta għal madwar 60% tad-dikjarazzjoni li għamlet is-soċjetà

appellanta fid-dikjarazzjoni tagħha. Qal li l-kampjun indikat minnu huwa biss indikazzjoni ta' x'seta' jirriżulta fl-investigazzjoni, u huwa ma straħx fuq dan għaliex dan il-każ mhux ippernjat fuq jekk l-appellanta kellhiex il-fatturi jew le, għaliex il-fatturi huma ta' importanza sekondarja. Qal li huwa ffoka fuq l-intenzjoni oriġinali li kellha is-soċjetà appellanta, u kien għalhekk li huwa kkonkluda li ladarba din bidlet l-intenzjoni tagħha, dan il-fattur wassalha biex titlob *input VAT* żejjed. Qal li huwa ħareġ stima provviżorja fil-11 ta' Diċembru, 2013 flimkien ma' nota spjegattiva, li flimkien kienu nnotifikati lis-soċjetà appellanta fit-18 ta' Diċembru, 2013, u fl-20 ta' Diċembru is-soċjetà appellanta għamlet talba għal *review.* Qal li fis-6 ta' Frar, 2014 huwa kiteb lis-soċjetà appellanta sabiex tressaq ir-raġunijiet għalfejn mhijiex taqbel mal-istejjem provviżorji magħmula minnu, u talabha wkoll tressaq il-provi biex tissostanzja t-teżi tagħha, iżda li s-soċjetà appellanta ma ressqet l-ebda provi u għalhekk huwa ma kellu l-ebda għażla ħlief li jikkonferma l-istejjem provviżorji.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

*L-Ewwel Aggravju:* *[Dwar il-bidla fl-intenzjoni tas-soċjetà appellanta]*

11. Is-soċjetà appellanta tgħid li hija l-proprjetarja tas-sit fejn seħħ żvilupp ta' blokk appartamenti, jiġifieri l-blokk bin-numru 2, Concorde Building, Triq Ġorġ Borg Olivier, il-Mellieħa, li jikkonsisti f'*basement,* żewġ *commercial units,* erba' appartamenti u *penthouse.* Qalet li wara li s-sit in kwistjoni ġie żviluppat, hija kienet iddeċidiet li l-blokk għandu jintuża għal skop kummerċjali, billi d-diversi *units* jinkrew. Spjegat li peress li hija kienet kisbet self bankarju sabiex setgħet

tagħmel dan l-iżvilupp, hija talbet li l-faċilità ta' self tinbidel għal *buy-to-let,* u ladarba hija bidlet l-attività ekonomika tagħha, lejn l-aħħar tal-2012 hija għamlet ir-reġistrazzjoni mad-Dipartiment intimat. Is-soċjetà appellanta spjegat li in segwitu għal din ir-reġistrazzjoni tagħha, hija pproċediet sabiex ressqet il-formoli ta' dikjarazzjoni għall-perijodu bejn Jannar 2008 u Diċembru 2013, li in forza tagħhom iddikjarat li kellha infiq kapitali u servizzi u spejjeż taxxabbli ammontanti għal €410,614.90 u għalhekk kienet intitolata għal rifużjoni ta' *input tax* ta' €73,910.68. Is-soċjetà appellanta spjegat li wara li għamlet is-sottomissjoni tal-formoli ta' dikjarazzjoni, ġiet ordnata investigazzjoni rigward l-informazzjoni li rriżultat minn dawn il-formoli, u abbażi ta' dan l-eżerċizzju inħareġ *provisional assessment* li jkopri l-*input VAT* li kien ġie reklamat minnha permezz tal-formuli ta' dikjarazzjoni relattivi. Qalet li l-*assessment* relattiv datat 11 ta' Diċembru, 2013 jikkomprendi is-somma ta' €73,910.69 bħala t-taxxa dovuta, €14,782.14 bħala penali għal *late submission of forms,* u l-imgħaxijiet fuq it-taxxa, li fit-23 t'April, 2014 kienu jammontaw għal €253.30 u li għadhom qegħdin jakkumulaw. Is-soċjetà appellanta spjegat li b'ittra tal-20 ta' Diċembru, 2013 hija kkontestat dan l-*assessment,* permezz ta' ittra tal-24 ta' April, 2014 u l-intimat infurmaha li l-*assessment* maħruġ minnu kien qiegħed jiġi kkonfermat. Qalet li kien in segwitu għal dan l-avviż li hija ressqet l-appell tagħha quddiem it-Tribunal għal Reviżjoni Amministrattiva.

12. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal, fid-deċiżjoni tiegħu iddikjara li hija kellha bidla fl-intenzjoni oriġinali tagħha biss fir-rigward ta' żewġ *units* mill-blokk kollu, jiġifieri fir-rigward ta' Flat 2 u fir-rigward tal-fond kummerċjali Gusti Siciliani, u b'hekk għad li kien hemm bidla fl-intenzjoni tagħha, din kienet waħda limitata ħafna u mhux mifruxa fuq il-blokk kollu. Is-soċjetà appellanta qalet li t-

Tribunal wasal għal din il-konklużjoni abbażi tal-Partiti 4(2), (3), (5) u (6) tal-Għaxar Skeda tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament safejn il-liġi tipprovdi li f'każ ta' proprjetà immobbli li tifforma parti mill-assi kummerċjali ta' persuna taxxabbli u użata kemm għall-finijiet tan-negozju tal-persuna taxxabbli kif ukoll għall-finijiet tal-persuna privata jew tal-persunal tagħha, il-VAT fuq l-infiq ta' din il-proprjetà għandu jitnaqqas biss sal-użu tal-proprjetà għall-finijiet kummerċjai tal-persuna taxxabbli. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal irrefera għaż-żewġ skritturi ta' lokazzjoni li hija ffirmat ma' terzi fit-3 ta' Lulju, 2013 u fis-7 ta' Diċembru, 2012, u ddikjara li ma kienx hemm bidla totali fl-intenzjoni tagħha biex tikri l-*units* kollha tal-blokk, u għalhekk hija kellha tkun intitolata għar-rifużjoni tal-*input tax* limitatament fir-rigward tal-imsemmija żewġ *units.* Qalet li minkejja li t-Tribunal iddikjara li l-bidla fl-intenzjoni tagħha ma kinitx testendi għall-blokk kollu, u dan in kwantu ġew ippreżentati biss żewġ kuntratti ta' kera ta' *units* fil-blokk, is-soċjetà appellanta ma taqbilx ma' din l-interpretazzjoni in kwantu l-bidla fl-intenzjoni tas-soċjetà appellanta ġiet manifestata b'mod inekwivoku fir-rigward tal-blokk kollu meta l-faċilità bankarja ta' self li hija kellha fl-2011 kienet inbidlet għal waħda tat-tip *buy to let.* Qalet li din il-faċilità ngħatatilha rigward l-iżvilupp kollu mwettaq minnha u mhux biss ma' parti minnu. Qalet ukoll li minkejja li huwa veru li hija ressqet biss żewġ skritturi ta' lokazzjoni fir-rigward ta' tnejn mill-*units* fil-blokk, dan ma jfissirx li l-intenzjoni tagħha reġgħet inbidlet minn meta hi ddeċidiet li tikri l-*units* fil-blokk, u żiedet tgħid li l-kera tal-*units* in kwistjoni ma tiddependix minnha, iżda skont id-domanda fis-suq. Qalet li hija ppreżentat dawk l-iskritturi ta' lokazzjoni li kienu jippreċedu l-ittra li ntbagħtet minnha lill-Kummissarju tat-Taxxa fit-13 ta' Novembru, 2014, li in forza tagħha saret it-talba mis-soċjetà

appellanta għar-rifużjoni tal-*input tax* relattiva. Qalet li l-intenzjoni tagħha li tikri l-*units* formanti l-blokk ġiet manifestement ippruvata bid-dokumentazzjoni in atti, u permezz tax-xhieda tad-direttur tagħha li bl-ebda mod ma ġiet kontradetta jew ikkuntrarjata. Is-soċjetà appellanta alet li t-Tribunal applika b'mod ħażin il-liġi dwar l-oneru tal-prova, u l-provi miġjuba minnha kellhom jiġu aċċettati ladarba ma nġabet l-ebda prova kuntrarja. Is-soċjetà appellanta qalet li għalhekk għandu jirriżulta li saret interpretazzjoni żbaljata tal-oneru tal-prova, u l-konklużjoni li wasal għaliha t-Tribunal li r-rifużjoni tal-*input tax* għandha tingħata biss fir-rigward ta' żewġ *units* wara li ssir l-attribuzzjoni meħtieġa, kienet interpretazzjoni u applikazzjoni skorretta tal-applikabilità tal-Partiti 4(2), (3), (5) u (6) tal-Għaxar Skeda tal-Kap. 406, u dan għaliex kellu jirriżulta li hija kienet sejra tuża l-proprjetà kollha kemm hi għal finijiet kummerċjali. Qalet li għalhekk din il-Qorti għandha tordna li l-istima maħruġa mill-intimat appellat fil-konfront tagħha għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar, 2008 u l-31 ta' Diċembru, 2012, inkluż għall-ħlas tat-taxxa addizzjonali u l-imgħax, tiġi revokata u mħassra.

13. B'riferiment għal dan l-aggravju, l-appellat qal li kienet is-soċjetà appellanta li ressqet provi skarni dwar l-affermazzjonijiet u t-talbiet tagħha. Qal li din il-Qorti għandha l-kompetenza tagħha limitata għal appelli dwar punti ta' liġi biss, u fil-każ odjern is-soċjetà appellanta qiegħda tikkontendi li l-konklużjoni li wasal għaliha t-Tribunal kienet interpretazzjoni u applikazzjoni skoretta tal-liġi, u dan billi skont hi kellha tingħata rifużjoni tal-*input VAT* fl-ammont intier reklamat minnha peress li kellu jirriżulta li kien hemm bidla fl-intenzjoni tagħha minn bejgħ għal kiri tal-blokk kollu. L-appellat qal li din il-Qorti m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li għamel it-Tribunal, meta tara li din kienet konklużjoni valida u waħda li t-Tribunal seta' jasal għaliha. L-appellat qal li dan

l-aggravju huwa ppernjat fuq punti ta' fatt, u għalhekk mhuwiex wieħed proponibbli u legalment vijabbli *ai termini* tal-artikolu 47(1) tal-Kap. 406, u dan minbarra li kemm waqt ir-*review* fil-proċess tal-investigazzjoni kif ukoll waqt il-mori tal-proċeduri quddiem it-Tribunal, kienet is-soċjetà appellanta li naqset b'mod grossolan milli tipprovdi provi daqshekk kardinali u neċessarji.

14. L-appellat sostna li l-interpretazzjoni mogħtija minnu dwar l-intenzjoni tas-soċjetà appellanta hija waħda fattwali, u għandu jirriżulta li t-Tribunal mexa *ad unguem* mad-dettami tal-liġi u applikahom b'mod korrett, u dan jirriżulta wkoll mill-fatt li t-Tribunal iddeċieda li jilqa' l-appell tas-soċjetà appellanta *in parte* billi ordna li l-istima tiġi riveduta. Qal li l-*input VAT* li fil-fatt ġie miċħud, ġie miċħud purament fuq nuqqas ta' provi sodisfaċenti min-naħa tas-soċjetà appellanta, u mhux fuq l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni ta' xi liġi. Il-Kummissarju appellat qal li t-Tribunal ċaħad li l-*input VAT* jiġi reklamat fuq l-intier mhux għaliex ġew ippreżentati biss żewġ kuntratti ta' kera, imma għaliex ma ġiex ippruvat b'mod sodisfaċenti mis-soċjetà appellanta li kien hemm tibdil fl-intenzjoni tagħha fir-rigward tal-blokk kollu. L-appellat saħaq li hawnhekk qegħdin fil-kamp fiskali, fejn l-oneru tal-prova jinkombi fuq il-pagatur tat-taxxa, u li fil-każ odjern quddiem it-Tribunal ma kienx hemm inverżjoni tal-provi, u għalhekk kienet is-soċjetà appellanta li kellha dmir iġġib provi suffiċjenti sabiex tipprova l-eċċezzjonijiet tagħha. Qal li għalhekk kien dmir tas-soċjetà appellanta li tipprova li l-appellat wasal għal konklużjonijiet żbaljati, u dan ma tistax tagħmlu billi tallega li l-appellat għamel assunzjonijiet ħżiena u/jew wasal għal konklużjonijiet żbaljati.

15. Il-Qorti tibda billi tirrileva li appelli minn deċiżjonijiet tat-Tribunal huma regolati minn dak li jipprovdi l-artikolu 47 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi li:

> "47(1) Kwalunkwe waħda mill-partijiet ta' appell jew ta' referenza lit-Tribunal li tħossha aggravata bid-deċiżjoni ta' dak it-Tribunal tista', permezz ta' rikors li għandu jiġi ppreżentat fi żmien tletin (30) jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni appellata, però mhux aktar tard minn mija, tlieta u tmenin (183) jum mid-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal, jew mit-30 ta' Ġunju, 2024, skont liema data tiġi l-aħħar, tagħmel appell minn dik id-deċiżjoni fuq il-punti ta' liġi li ġejjin biss: ...".

16. Appelli minn deċiżjonijiet tat-Tribunal għalhekk huma limitati għal appelli fuq punti ta' liġi u mhux biex issir stħarriġ jew reviżjoni mill-ġdid tal-punti fattwali li jkunu ġew deċiżi mit-Tribunal. Permezz tal-ewwel aggravju sollevat minnha, is-soċjetà appellanta qiegħda titlob lil din il-Qorti tistħarreġ il-provi prodotti minnha mill-ġdid sabiex tistabbilixxi jekk it-Tribunal kienx korrett meta qies li kienu tnejn biss mill-*units* żviluppati fil-binja li nkrew jew li qegħdin jintużaw għal skop ta' kiri. L-istħarriġ mitlub huwa wieħed li jippekka fuq l-apprezzament tal-fatti li għamel it-Tribunal, li stabbilixxa li l-oneru tal-prova kien jinkombi fuq is-soċjetà appellanta bħala l-entità suġġetta għall-ħlas tat-taxxa, u stabbilixxa ukoll li l-provi mressqa minnha għandhom diversi nuqqasijiet u xejn ma jikkonvinċu li kien hemm bidla fl-intenzjoni oriġinali tas-soċjetà appellanta li wara li żviluppat is-sit, iddeċidiet li minflok tbiegħ il-*units* mibnija minnha, tibda tikrihom kollha. Fil-fatt it-Tribunal kien konvint li kienu biss tnejn il-*units* li bdew jintużaw għal skop ta' kiri, wara li kkunsidra li l-provi ppreżentati mis-soċjetà appellanta fir-rigward kienu limitati ħafna. Il-Qorti tqis li s-soċjetà appellanta naqset milli tagħmel sottomissjonijiet fejn tirrileva xi punt jew punti legali, u f'dan l-aggravju qiegħda tillimita ruħha għal dak li jirriżulta mill-provi prodotti

minnha, jew in-nuqqas tagħhom. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju huwa irritu u null u m'hija sejra tieħu l-ebda konjizzjoni tiegħu.

*It-Tieni Aggravju:* *[It-terminu li fih għandhom isiru l-aġġustamenti ordnati mit-Tribunal]*

17. Is-soċjetà appellanta qalet li filwaqt I t-Tribunal ordna lill-appellat sabiex jaċċetta parti mit-talba tas-soċjetà appellanta għar-rifużjoni tal-*input tax* relattiv, flimkien ma' ordnijiet oħra, madankollu fl-ebda waqt fil-parti dispożittiva tas-sentenza ma jirriżulta entro liema terminu għandu jsir dan l-aġġustament mill-appellat tal-istima rilaxxjata minnu. Qalet li n-nuqqas tat-Tribunal li jipprovdi għal terminu perentorju li fih għandha ssir din ir-reviżjoni, iwassal għal nuqqas serju fl-enforzabilità u fl-eżegwibilità tas-sentenza mogħtija mit-Tribunal, u jista' jwassal għal preġudizzju serju u sostanzjali għaliha, partikolarment ladarba hemm l-element ta' imgħax li jista' jkun dovut fuq dik il-parti tal-istima rilaxxjata mill-appellat. Is-soċjetà appellanta qalet li għalhekk, jekk din il-Qorti tgħaddi sabiex tiċħad l-ewwel aggravju, din ġiet mitluba sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tipprefiġġi u tiffissa terminu perentorju li fih l-appellat għandu jiġi ordnat iwettaq ir-reviżjoni tal-istima rilaxxata minnu *in linea* ma' dak ordnat mit-Tribunal.

18. L-appellat qal li anki dan l-aggravju huwa infondat fil-fatt u fid-dritt, għaliex is-soċjetà appellanta fit-talbiet għar-rikors promutur tagħha, qatt ma talbet li jiġi mpost terminu. Qal li huwa ma jaqbilx li n-nuqqas ta' impożizzjoni ta' tali terminu għandu jwassal għal xi nuqqas serju fl-enforzabilità tas-sentenza tat-Tribunal, u dan għaliex is-soċjetà appellanta, irrispettivament minn jekk

hemmx terminu perentorju jew le, għandha rimedji ordinarji sabiex tenforza tali sentenza.

19. Il-Qorti, anki għall-finijiet ta' prattiċità, u sabiex ma jibqgħux jiddekorru l-imgħaxijiet fuq l-ammonti dovuti mis-soċjetà appellanta, issa li l-appell ser jiġi deċiż, qiegħda tidderieġi lill-appellat biex ma jieħux aktar minn tletin ġurnata biex jiffinalizza l-istima tiegħu, u dan sabiex is-soċjetà appellanta tkun tista' tirregola ruħha.

*It-Tielet Aggravju:* *[Il-fattura maħruġa minn Camray Company Limited fit-30 ta' April, 2013]*

20. Is-soċjetà appellanta tgħid li minkejja li mhux qed jiġi kkontestat li tali fattura ma taqax entro l-perijodu tal-istima, in kwantu din tkopri sal-31 ta' Diċembru, 2012, madanakollu din il-fattura nħarġet għal *finishing works* li saru minn din il-kumpannija fil-blokka in kwistjoni, u proprju l-aħħar *item* fil-fattura huwa għal *supply and installation of passenger lift.* Qalet li kemm mid-deskrizzjoni tax-xogħlijiet imwettqa u mill-elenku tax-xogħlijiet riżultanti minn din il-fattura rilaxxjata minn Camray Company Limited, jirriżulta li din il-fattura nħarġet wara li ġew kompletati x-xogħlijiet kollha fil-blokk in kwistjoni, liema xogħlijiet tlestew qabel id-data tal-fattura. Qalet li l-fattura tkopri x-xogħlijiet kollha ladarba dawn ġew kompletati, u minkejja li din inħarġet f'April tal-2013, għandu jirriżulta li x-xogħlijiet saru ferm qabel dik id-data, u li hija kienet qiegħda teffettwa *interim payments* fil-perijodu ta' taxxa suġġett tal-istima. Is-socjetà appellanta qalet li ġie skartat l-ammont kollu li tħallas minnha lil Camray Company Limited, għaliex il-fattura hija datata lil hinn mill-perijodu ta' taxxa

meta x-xogħol sar ferm qabel dik id-data, u meta hi kienet wettqet pagamenti għal partiti ta' xogħol li kienu qed jiġu kompletati fil-blokk in kwistjoni, u dan joħloq żbilanċ u preġudizzju serju fil-konfront tagħha.

21. L-appellat qal li dan l-aggravju wkoll għandu jiġi miċħud, u dan għaliex id-determinazzjoni tat-Tribunal li din il-fattura partikolari tiġi skartata, kienet waħda fuq parametri fattwali ,u għalhekk din il-Qorti mhijex il-forum idoneu sabiex tiddeċiedi dwar dan il-fatt. L-appellat saħaq li fil-kamp fiskali l-liġi trid tiġi interpretata bl-aktar mod restrittiv u għalhekk dan l-aggravju għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

22. Il-Qorti tirrileva li anki dan l-aggravju mhux marbut ma' xi punt ta' liġi li ġie deċiż mit-Tribunal. Fir-rigward ta' din il-fattura partikolari, it-Tribunal eżamina l-provi li kellu quddiemu, u spjega għal liema raġuni din il-fattura ma kinitx qiegħda tiġi kkunsidrata minnu għall-fini tal-istima li kellha ssir mill-appellat. Għaldaqstant, il-Qorti m'hija sejra tieħu l-ebda konsiderazzjoni ta' dan l-aggravju għaliex huwa bbażat fuq ri-eżami tal-fatti u mhux fuq punt ta' liġi li ġie deċiż.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar dan l-appell billi tiċħad l-aggravji tas-soċjetà appellanta, u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, b'dan illi d-Direttur Ġenerali appellat għandu jiffinalizza l-istima skont il-parametri stabbiliti mit-Tribunal entro t-terminu ta' tletin jum mid-data ta' din is-sentenza.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mis-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Christian Sammut**
**Deputat Reġistratur**